DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2337

tad-29 ta' Mejju 2017

dwar l-għajnuna mill-Istat bin-numru ta' referenza SA.35484 (2013/C) (li qabel kellha n-numru ta' referenza SA.35484 (2012/NN)) li ngħatat għall-għoti ta' għajnuna teknika fis-settur agrikolu kif ukoll għall-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità skont il-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam

(notifikata bid-dokument C(2017) 3487)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2)(1) tiegħu ([1]),

Wara li talbet lill-partijiet interessati jibagħtu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq u wara li qieset il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittri tat-28 ta' Novembru 2011 u tas-27 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") talbet lill-Ġermanja tibagħtilha iktar informazzjoni dwar ir-rapport annwali tal-2010 tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu li hija kienet bagħtet skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([2]), li issa sar l-Artikolu 26(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([3]). Il-Ġermanja wieġbet il-mistoqsijiet tal-Kummissjoni permezz tal-ittri tagħha tas-16 ta' Jannar 2012 u tas-27 ta' April 2012. Fid-dawl tat-tweġibiet tal-Ġermanja, irriżulta li mill-1952 'il quddiem, dan il-pajjiż kien ta appoġġ finanzjarju lis-settur tal-ħalib tiegħu skont il-liġi tiegħu dwar il-kummerċ fil-ħalib, fil-prodotti tal-ħalib u fix-xaħam imsejħa "Gesetz über den Verkehr mit Milch, Milcherzeugnissen und Fetten" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam" jew "l-MFG").

(2) Permezz ta' ittra tat-2 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja li l-miżuri inkwistjoni ġew irreġistrati bħala għajnuna mhux notifikata bin-numru ta' referenza SA.35484 (2012/NN). Permezz ta' ittri tas-16 ta' Novembru 2012, tas-7, tat-8, tal-11, tat-13, tal-14, tal-15 u tad-19 ta' Frar, tal-21 ta' Marzu, tat-8 ta' April, tat-28 ta' Mejju, tal-10 u tal-25 ta' Ġunju u tat-2 ta' Lulju 2013, il-Ġermanja bagħtet aktar informazzjoni.

(3) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Lulju 2013 (C(2013) 4457 finali) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni tal-Ftuħ"), il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE b'rabta ma' din l-għajnuna. Il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn żewġ perjodi taż-żmien separati biex tinvestiga s-sottomiżuri kkonċernati b'rabta mal-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern, li kienu l-perjodi li ġejjin:

1. il-perjodu ta' bejn it-28 ta' Novembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2006; u

2. il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 'l quddiem.

(4) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni sabet li diversi sottomiżuri li saru skont l-MFG jew ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jew kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat iżda ma kinux jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(5) Il-Kummissjoni sabet li ċerti sottomiżuri oħrajn kienu kompatibbli mas-suq intern matul il-perjodu mit-28 ta' Novembru 2001 sal-31 ta' Diċembru 2006 jew matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 'l quddiem jew matul iż-żewġ perjodi.

([1]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009 'l hawn, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108 rispettivament tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-TFUE"). Iż-żewġ settijiet ta' Artikoli huma identiċi fis-sustanza tagħhom. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftehmu bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE fejn ikun xieraq.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9). B'effett mill-14 ta' Novembru 2015, dan ir-Regolament tal-Kunsill ħassar ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 u ħadlu postu. Skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2015/1589, ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehmu bħala referenzi għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 u għandhom jinqraw skont it-Tabella ta' Korrelazzjoni mogħtija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(6) Fil-każ tas-sottomiżuri l-oħrajn kollha, fosthom is-sottomiżuri li fuqhom tissejjes din id-Deċiżjoni dwar l-għajnuna teknika li ngħatat fis-settur agrikolu kif ukoll l-għajnuna li ngħatat għall-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha.

(7) Wara li nstabu diversi żbalji fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, intbagħtet verżjoni kkoreġuta lill-awtoritajiet Ġermaniżi permezz ta' ittra tas-16 ta' Diċembru 2013.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ ikkoreġuta ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jibagħtu l-kummenti tagħhom dwarha fi żmien xahar.

(9) Permezz ta' ittra tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja bagħtet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

(10) B'kollox il-Kummissjoni rċeviet 19-il kumment mingħand il-partijiet interessati. Waħda minn dawn il-partijiet talbet lill-Kummissjoni biex ma tiżvelax l-identità tagħha u tat raġunijiet validi għal dan. B'kollox għaxar settijiet ta' kummenti, iżda mhux dawk tal-parti interessata msemmija fis-sentenza ta' qabel, kienu jirreferu għas-sottomiżuri kkonċernati dwar l-għajnuna teknika li ngħatat fis-settur agrikolu kif ukoll l-għajnuna li ngħatat għall-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità.

(11) Dawn il-kummenti ntbagħtu lill-Ġermanja permezz tal-ittri tas-27 ta' Frar, tat-3 ta' Marzu u tat-3 ta' Ottubru 2014.

(12) Permezz ta' ittra tal-21 ta' Marzu 2014, il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni li hija ma kellha l-ebda kumment dwar il-kummenti msemmijin hawn fuq li kienu bagħtu l-partijiet interessati.

(13) Permezz ta' ittra tal-31 ta' Marzu 2014, il-Ġermanja bagħtet lill-Kummissjoni kumment li r-reġjun tal-Bavarja għamel dwar il-kummenti tal-parti interessata li l-identità tagħha ma kinitx ġiet żvelata (ara l-premessa 10).

(14) Għall-bidu l-Ġermanja ma weġbitx għall-kummenti li l-partijiet interessati għamlu fi Frar tal-2014. Il-Ġermanja kkummentat fuq kumment ieħor li wasal fit-8 ta' Lulju 2014 permezz ta' ittra tagħha tat-3 ta' Diċembru 2014.

(15) Permezz ta' ittra tat-13 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja tibagħtilha aktar informazzjoni. Il-Ġermanja wieġbet il-mistoqsijiet tal-Kummissjoni permezz ta' ittra tas-27 ta' Frar 2015.

(16) Fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Ministeru Federali tal-Ikel u tal-Agrikoltura bagħat iktar informazzjoni dwar is-sottomiżura msejħa "RP 2".

(17) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni għal darb'oħra talbet lill-Ġermanja tibagħtilha aktar informazzjoni. Wara li talbet li tittawwal l-iskadenza tal-Kummissjoni biex twieġeb l-ittra, il-Ġermanja wieġbet għall-mistoqsijiet li għamlitilha l-Kummissjoni permezz ta' ittra tat-13 ta' Jannar 2017.

2. **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI U KUMMENTI MIN-NAĦA TAL-AWTORITAJIET ĠERMANIŻI**

(18) Fid-deskrizzjoni li jmiss, se jiġu diskussi s-sottomiżuri dwar l-għajnuna li ngħatat skont l-MFG għall-għoti ta' għajnuna teknika fis-settur agrikolu kif ukoll l-għajnuna għall-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità li dwarhom il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern. B'mod partikulari, se jiġu ttrattati s-sottomiżuri li ġejjin (li, minn hawn 'il quddiem, se jissemmew fl-ordni li fiha jingħataw fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ): BY 3, BY 10, BW 4, BB 1, BB 3, HE 2, HE 3, HE 9, NI 5, NI 6, NI 7, NW 4, NW 5, NW 6, RP 1, RP 5, SL 2, SL 5, TH 3, TH 4, TH 9, TH 10 (għajnuna teknika għall-perjodu mill-2001 sal-2006); RP 2 (għajnuna teknika għall-perjodu mill-2007 'l quddiem); BW 10, BW 11, NI 1 u TH5 (prodotti ta' kwalità għall-perjodu mill-2001 sal-2006).

Bażi ġuridika

(19) L-MFG hija liġi federali li daħlet fis-seħħ fl-1952 u li, minn dak iż-żmien 'l hawn, ġiet emendata diversi drabi ([5]). Din hija l-liġi li sservi ta' qafas għall-miżuri tal-għajnuna kkonċernati u mhijiex valida għal perjodu taż-żmien limitat.

([4]) Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna.
([5]) Din ġiet emendata l-aħħar permezz tal-Artikolu 397 tar-Regolament tal-31 ta' Awwissu 2015 (BGBl. I p. 1474).

(20) It-Taqsima 22(1) tal-MFG tawtorizza lill-Istati Federali Ġermaniżi jimponu imposta tal-ħalib fuq l-imħaleb ibbażata fuq il-kwantitajiet ta' ħalib ikkonsenjat. Skont l-informazzjoni li pprovdiet il-Ġermanja, disa' stati federali (minn 16-il wieħed) użaw dik l-awtorizzazzjoni, li kienu Baden-Württemberg, il-Bavarja, Brandenburg, Hessen, is-Sassonja t'Isfel, Nordrhein-Westfalen, Rheinland-Pfalz, Saarland u Thüringen. L-istati federali talbu imposti li kienu jammontaw sa EUR 0,0015 għal kull kilogramm ta' ħalib.

(21) Il-Ġermanja uriet li l-imposti fuq il-ħalib ma japplikawx għall-prodotti importati. Għall-kuntrarju, il-prodotti esportati jistgħu jkunu suġġetti għall-imposta fuq il-ħalib.

(22) Skont it-Taqsima 22(2) tal-MFG, id-dħul li jinkiseb mill-imposta fuq il-ħalib jista' jintuża biss għall-affarijiet li ġejjin:

1. għat-titjib u għaż-żamma tal-kwalità abbażi ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni speċifiċi;
2. għat-titjib tal-iġjene waqt il-ħlib u waqt il-kunsinna, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;
3. għar-reġistrazzjoni tal-produzzjoni tal-ħalib;
4. għall-għoti ta' pariri lill-intrapriżi dwar kwistjonijiet marbutin mal-industrija tal-ħalib u għat-tħriġ kontinwu tal-impjegati żgħażagħ f'din l-industrija;
5. għar-reklamar immirat biex iżid il-konsum tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;
6. għat-twettiq tal-kompiti li ġejjin mil-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam.

(23) It-Taqsima 22(2)(a) tal-MFG tipprevedi li, b'deroga mill-paragrafu 2, id-dħul li jinkiseb skont l-ewwel paragrafu jista' jintuża wkoll għall-affarijiet li ġejjin:

1. biex jitnaqqsu l-ispejjeż strutturali iktar għoljin tal-ġbir marbutin mal-kunsinna tal-ħalib u tal-krema mill-produttur sal-maħleb;
2. biex jitnaqqsu l-ispejjeż iktar għoljin tat-trasport marbutin mal-kunsinna tal-ħalib bejn l-imħaleb, safejn it-tali kunsinna tkun meħtieġa biex tiġi żgurata l-provvista tal-ħalib tax-xorb fiż-żona tal-bejgħ tal-prodotti ta' dawk l-imħaleb li jkun twasslilhom il-ħalib; u
3. biex titjieb il-kwalità matul id-distribuzzjoni ċentrali tal-prodotti tal-ħalib.

(24) It-Taqsima 22(4) tal-MFG tipprevedi li l-kontribuzzjonijiet u l-miżati li l-imħaleb jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom iħallsu lill-istabbilimenti tal-industrija tal-ħalib għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 jistgħu jkunu kkumpensati, kollha kemm huma jew parti minnhom, mid-dħul iġġenerat mill-imposta fuq il-ħalib.

(25) Filwaqt li l-MFG hija l-liġi li sservi ta' qafas, huma d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li l-istati federali differenti jadottaw abbażi tagħha li jservu bħala l-bażi ġuridika reali għall-miżuri kkonċernati.

Finanzjament

(26) Permezz ta' ittra tat-13 ta' Jannar 2017, l-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li l-miżuri msemmijin f'din id-Deċiżjoni ġew iffinanzjati biss mill-imposta fuq il-ħalib u li għalihom ma ntużaw l-ebda fondi oħrajn mill-baġits tal-istati federali individwali.

2.1. **Għajnuna għall-għoti ta' għajnuna teknika fis-settur agrikolu**

(27) Bejn l-2001 u l-2006, l-istati federali ta' Baden-Württemberg, il-Bavarja, Brandenburg, Hessen, is-Sassonja t'Isfel, Nordrhein-Westfalen, Rheinland-Pfalz, Saarland u Thüringen taw appoġġ finanzjarju għal miżuri li kellhom l-għan li jagħtu għajnuna teknika fis-settur agrikolu (is-sottomiżuri BY 3, BY 10, BW 4, BB 1, BB 3, HE 2, HE 3, HE 9, NI 5, NI 6, NI 7, NW 4, NW 5, NW 6, RP 1, RP 5, SL 2, SL 5, TH 3, TH 4, TH 9 u TH 10).

(28) Mill-2007 'l hawn l-istat federali ta' Rheinland-Pfalz ta appoġġ finanzjarju għal miżura partikulari li kellha l-għan li tagħti għajnuna teknika fis-settur agrikolu (il-miżura RP 2).

(29) Bejn l-2001 u l-2011 b'kollox ġew ipprovduti (mill-istati federali kollha flimkien) EUR 23,7 miljun mir-riżorsi tal-baġit.

(30) L-appoġġ finanzjarju se jingħata għal miżuri ġenerali ta' informazzjoni li minnhom se jibbenefikaw l-intrapriżi kollha tas-settur tal-ħalib. Dawn l-azzjonijiet huma mmirati lejn l-użu tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib b'mod ġenerali, huma limitati għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi oġġettivi tal-ħalib, ma jinkludu l-ebda stqarrija suġġettiva dwar il-benefiċċji ta' xi prodott partikulari ta' impriża partikulari waħda jew ta' diversi impriżi u ma jservux ta' riklami. Jiġu ffinanzjati biss miżuri ġenerali li minnhom jibbenefikaw bl-istess mod il-produtturi kollha tas-settur tal-ħalib. La jissemma isem xi produttur partikulari u lanqas ma jissemma minn fejn joriġina l-ħalib. Ma jsir l-ebda pagament dirett lill-impriżi tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni (ħlief fil-każ tal-miżura RP 2).

(31) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-intensità tal-għajnuna ta' dawn il-miżuri hija sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

Għajnuna teknika fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006

Il-miżura BY 3

(32) L-istat federali tal-Bavarja ta appoġġ finanzjajru għall-ġbir ta' informazzjoni ġenerali fattwali u teknika dwar il-produzzjoni tal-ħalib, kif ukoll għall-pubblikazzjoni u għall-għoti ta' informazzjoni ġenerali dwar suġġetti relatati mal-industrija tal-ħalib (bħal, pereżempju, il-produzzjoni tal-ħalib fl-azjendi agrikoli). Is-sussidju ngħata wkoll għall-ispejjeż marbutin mat-tixrid tal-għarfien xjentifiku f'forma li tiftiehem minn kulħadd (permezz tal-pubblikazzjonijiet u tat-taħditiet), kif ukoll għat-tħejjija ta' informazzjoni fattwali dwar is-sistemi tal-kwalità li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-produtturi tal-ħalib tal-Bavarja u tal-membri tal-pubbliku inġenerali interessati f'dan is-suġġett. L-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-ħalib, imsejħa l-"Verband der Milcherzeuger e.V." (fil-qosor "VMB"), implimentat din il-miżura.

(33) Fl-ittra tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([6]) li, wara li reġgħet eżaminat il-miżura BY 3, din ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat minħabba li ma kien fiha l-ebda benefiċċju speċifiku għal impriżi individwali. Anki kieku biss din titqies bħala forma ta' għajnuna, għaliha tgħodd l-anterjorità għall-għajnuna eżistenti. Għall-kuntrarju, l-argument kien li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern.

(34) Barra minn hekk, il-miżuri kkonċernati kienu kompatibbli mas-suq intern, irrispettivament mill-evidenza li l-fondi ntużaw biex jixterdu metodi ġodda. L-Artikolu 15(2)(e) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 ([7]) u l-Linji gwida għall-2007 sal-2013 ([8]) jeżentaw dan ir-rekwiżit (li jixxerrdu metodi ġodda). Minflok, il-fattur deċiżiv huwa li jixxerred l-għarfien xjentifiku. Dan japplika wkoll għall-perjodu ta' bejn l-2000 u l-2006, minħabba li dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda ċirkustanza li kienet teżiġi li jkun hemm kriterji iktar stretti.

(35) Il-Ġermanja qalet li l-miżura ma kinitx limitata għal grupp partikulari, iżda appoġġat lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali, u li fuqha ma ntefqux iktar minn EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin.

(36) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-benefiċjarji ta' din il-miżura kienu "il-bdiewa, il-gruppi tal-produtturi, il-membri tal-pubbliku inġenerali interessati f'dan is-suġġett u l-SMEs".

(37) Skont l-ittra tal-awtoritajiet Ġermaniżi tas-27 ta' Frar 2015, bejn l-2001 u l-2006, l-ispejjeż annwali għall-miżuri BY 3 u BY 10 kienu ta' bejn EUR 471 986 u EUR 518 057. Meta wieħed iqis li fl-istess perjodu kien hemm bejn 47 287 u 56 755 produttur tal-ħalib u maħleb, dan ifisser li, f'dak il-perjodu, kull sena ntefqu bejn EUR 9,13 u EUR 10,46 għal kull benefiċjarju (il-fornituri tal-ħalib u l-imħaleb).

Il-miżura BY 10

(38) L-istat federali tal-Bavarja ta appoġġ finanzjarju lill-kumpanija "Milchwirtschaftliche Untersuchungs- und Versuchsanstalt (MUVA) Kempten" għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-ħalib bħala materja prima bejn diversi atturi (l-istituti tar-riċerka u l-awtoritajiet).

(39) Fl-ittra tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([9]) li l-miżura BY 10 ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat minħabba li l-għan tagħha ma kienx li l-MUVA tittrasferixxi l-għarfien tagħha lill-produtturi tal-ħalib jew lill-imħaleb. Madankollu, anki kieku biss din titqies bħala forma ta' għajnuna, għaliha tgħodd l-anterjorità għall-għajnuna eżistenti. Għall-kuntrarju, l-argument kien li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern.

([6]) p. 34–36.
([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).
([8]) Il-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u tal-forestrija għall-2007 sal-2013 (ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1).
([9]) p. 37–39.

(40) Fl-istess ittra, l-Ġermanja qalet ([10]) li l-"benefiċjarji" tal-miżura kienu, b'mod ewlieni, l-awtoritajiet.

(41) Fil-kummenti tagħha tas-27 ta' Frar 2015, il-Ġermanja stmat li l-ispejjeż annwali totali għall-miżuri BY 3 u BY 10 kienu ta' bejn EUR 471 986 u EUR 518 057 (ara l-paragrafu 37).

Il-miżura BW 4

(42) L-istat federali ta' Baden-Württemberg ta appoġġ finanzjarju għall-ħidma mal-pubbliku inġenerali u għall-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib. Din il-miżura kienet tittratta, fost l-oħrajn, l-affarijiet li ġejjin:

(a) l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-valur nutrizzjonali u l-karatteristiċi ġenerali tal-prodotti tal-ħalib;

(b) l-għoti ta' informazzjoni ġenerali dwar ir-regoli tat-tikkettar u l-karatteristiċi tal-kwalità tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;

(c) il-forniment ta' kelliema jew ta' stands bl-informazzjoni dwar is-suġġetti msemmijin hawn fuq għal waqt avvenimenti għall-konsumaturi (bħall-Jum Internazzjonali tal-Ħalib, pereżempju);

(d) l-għoti ta' taħriġ u l-organizzazzjoni ta' konferenzi xjentifiċi dwar il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib bħala parti mill-ikel li nieklu jew il-parteċipazzjoni f'taħriġ bħal dan jew f'konferenzi bħal dawn;

(e) l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u l-preżentazzjoni tal-industrija kollha tal-ħalib waqt il-fieri (waqt il-festa ewlenija tal-biedja msejħa "Landwirtschaftliches Hauptfest").

(43) Il-miżura ġiet ikkoordinata mill-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib ta' Baden-Württemberg imsejħa "Milchwirtschaftlicher Verein Baden-Württemberg" (fil-qosor "MVBW"). L-implimentazzjoni teknika ta' din il-miżura saret mill-MVBW innifisha jew inkella minn partijiet terzi li qabbdithom jagħmlu dan hi stess.

(44) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja kompliet issostni ([11]) li din il-miżura ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat minħabba li ma kienet tiffavorixxi lill-ebda impriża partikulari jew lill-ebda settur partikulari tal-produzzjoni.

(45) Għall-kuntrarju, l-argument kien ([12]) li l-miżuri kienu jikkonformaw fis-sustanza tagħhom mar-rekwiżiti tal-linji gwida Komunitarji li kienu japplikaw dak iż-żmien u li, fil-prinċipju, dawn setgħu jitqiesu bħala forma ta' għoti ta' għajnuna teknika skont il-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu ([13]) (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006"). Il-miżuri servew biex jixxerred b'mod ġenerali u wiesa' l-għarfien xjentifiku attwali dwar il-karatteristiċi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib.

(46) Il-Ġermanja qalet li l-miżuri għall-ħidma mal-pubbliku inġenerali, imsejħin "Allgemeine Öffentlichkeitsarbeit", ma kinux limitati għal grupp partikulari, iżda appoġġaw lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali. B'hekk, tħarsu l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji. Skont il-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, l-għajnuna li tingħata setgħet tkopri sa 100 % tal-ispejjeż. L-għajnuna li ngħatat kienet inqas mil-limitu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin stabbilit fil-punt 14.3.

Il-miżura BB 1

(47) L-istat federali ta' Brandenburg iffinanzja l-ispejjeż tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-kuntest tal-miżura għat-titjib tal-iġjene msejħa "Verbesserung der Hygiene". F'din il-miżura l-enfasi kienet fuq is-saħħa tal-annimali, it-titjib tal-iġjene tal-ħlib u l-kwalità tal-ħalib mhux ipproċessat, kif ukoll fuq l-analiżi tal-kwistjonijiet li jtellfu mill-prestazzjoni. L-assoċjazzjoni ta' kontroll tal-istat federali ta' Brandenburg imsejħa "Landeskontrollverband Brandenburg" (fil-qosor "LKVB") ingħatat l-inkarigu li timplimenta din il-miżura. Ir-rata massima tal-għajnuna ma qabżitx is-60 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(48) Fl-ittra tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([14]) li l-miżura għat-titjib tal-iġjene msejħa "Verbesserung der Hygiene" kienet kompatibbli mas-suq intern għall-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006. Is-servizzi ta' konsulenza offruti ma kinux limitati għal gruppi partikulari, iżda kienu miftuħin għall-produtturi kollha tal-ħalib tal-istat federali ta' Brandenburg. Ma kienx hemm preferenzi favur impriżi partikulari. Il-miżura taqa' taħt it-tielet inċiż tal-punt 13.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 (li jittratta l-ispejjeż għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal sabiex jibdew jintużaw sistemi ta' garanzija tal-kwalità).

([10]) p. 38.
([11]) p. 43.
([12]) p. 47.
([13]) ĠU C 28, 1.2.2000, p. 2.
([14]) p. 39–40.

(49) Fl-ittra tagħhom tas-27 ta' Frar 2015, l-awtoritajiet Ġermaniżi tennew li, fil-prinċipju, il-produttur kollha tal-ħalib tal-istat federali kellhom il-possibbiltà li jużaw is-servizzi ta' konsulenza kkonċernati (kemm dik kumplessa kif ukoll dik speċjali). Il-Ġermanja qalet li l-għotjiet kienu finanzjament parzjali u l-ammont tagħhom kien stabbilit u kien ta' EUR 161,19 għal kull azjenda fil-każ tal-konsulenza kumplessa u ta' EUR 144,62 għal kull azjenda fil-każ tal-konsulenza speċjali. B'ħekk ma setax jinqabeż il-limitu ta' EUR 100 000 għal kull azjenda fuq perjodu ta' tliet snin. Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, dawn iċ-ċifri huma dawk ikkalkulati għall-2006, iżda dawk għas-snin l-oħrajn kienu simili. Il-Ġermanja qalet ukoll li l-benefiċjarji aħħarin tal-miżura (l-imħaleb u l-produttur tal-ħalib) kienu SMEs.

Il-miżura BB 3

(50) Sa tmiem l-2007, l-istat federali ta' Brandenburg iffinanzja l-għoti ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ekonomiċi kif ukoll it-tixrid tal-informazzjoni u tal-għarfien il-ġdid li jkun inkiseb dwar kwistjonijiet li tiffaċċja l-industrija tal-ħalib marbutin mal-liġijiet dwar il-ħalib, mal-politika dwar il-ħalib, mal-produzzjoni u mal-kwalità tal-ħalib, mal-għalf u maż-żamma tal-annimali, mal-promozzjoni, mal-ħarsien mill-mard tal-annimali, eċċ. La ngħataw pariri individwali u lanqas ingħata taħriġ lil persuni individwali. L-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istati federali ta' Berlin u ta' Brandenburg imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Brandenburg-Berlin e. V." (fil-qosor "LVMB") u l-għaqda tal-bdiewa tal-istat federali ta' Brandenburg imsejħa "Landesbauernverband Brandenburg e.V." (fil-qosor "LBV") ingħataw l-inkarigu li jimplimentaw din il-miżura.

(51) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja sostniet ([15]) li l-miżura msemmija hawn fuq kienet kompatibbli mas-suq intern. Hija taqa' taħt il-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, bħala forma ta' għoti ta' għajnuna teknika skont il-punt 14.1 ta' dawn il-Linji gwida. Din il-miżura kellha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza u l-professjonaliżmu tal-agrikoltura fil-Komunità u b'ħekk tikkontribwixxi għall-vijabbiltà ekonomika ta' dan is-settur fit-tul.

(52) Il-kompetizzjonijiet marbutin mal-kwalità u mal-ħlib fl-istat federali li organizzat l-LVMB jaqgħu taħt ir-raba' inċiż tal-punt 14.1 li jittratta l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet.

(53) Fl-ittra tagħha tas-27 ta' Frar 2015, il-Ġermanja qalet li l-impriżi tal-istat federali ta' Brandenburg li rebħu l-kompetizzjonijiet waqt il-Ġimgħa Internazzjonali favur l-ambjent iddistingwew ruħhom mill-impriżi l-oħrajn u b'ħekk saru jafu bihom iktar nies. Għal dan il-għan, fl-2006 l-LVMB nefqet madwar EUR 463 li hija rċeviet mill-imposta fuq il-ħalib ([16]).

(54) L-LBV organizzat servizzi ta' konsulenza għall-partijiet interessati kollha tal-industrija tal-ħalib, mogħtija mill-konsulenti kollha tagħha dwar il-ħalib, fil-kuntest tal-proġett għall-għoti ta' pariri lill-produtturi tal-ħalib imsejjaħ "Milcherzeugerberatung". Il-finanzjament ingħata bħala finanzjament parzjali fil-kuntest tal-finanzjament tal-proġett, li ġie mill-imposti fuq il-ħalib. Skont id-dokumenti li ntbagħtu, fl-2006 l-LBV rċeviet għotja ta' EUR 20 000 għal dan il-għan mir-riżorsi tal-istat federali. Il-Ġermanja qalet li, fis-snin ta' qabel, kien hemm l-istess proċedura.

(55) L-għajnuna ma kinitx limitata għal gruppi partikulari. Il-persuni kollha kkonċernati fis-settur rilevanti tal-industrija tal-ħalib setgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet professjonali msemmijin hawn fuq. Għalhekk, intlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura HE 2

(56) L-istat federali ta' Hessen ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib tal-istat federali ta' Hessen imsejħa "Landesvereinigung für Milch und Milcherzeugnisse Hessen e.V." (fil-qosor "LVMH") għall-miżura għat-taħriġ għall-produtturi mogħti mit-tim tal-innovazzjoni msejħa "Fortbildung für Erzeuger durch das Innovationsteam". Fil-kuntest ta' din il-miżura, it-tim tal-innovazzjoni tal-LVMH ħejja informazzjoni xjentifika fil-kuntest ta' artikli speċjalizzati u taħriġ. Dan ix-xogħol kien jinkludi l-ġbir tal-informazzjoni u r-raggruppament tagħha u l-kondiviżjoni tal-għarfien permezz ta' artikli xjentifiċi u permezz tat-taħriġ għall-bdiewa u għall-impjegati li jaħdmu fil-qasam tal-biedja.

(57) Skont il-Ġermanja, din il-miżura ma kellhiex impatt kbir fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ([17]). Għalhekk l-għajnuna setgħet tingħata sa rata massima ta' 100 % biex tkopri l-ispejjeż tal-attivitajiet deskritti b'mod preċiż, u b'mod partikulari dawk tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż reali tal-organizzazzjoni ta' programm tat-taħriġ, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, kif ukoll l-ispejjeż għall-forniment ta' servizzi ta' sostituzzjoni għall-perjodu li matulu l-bidwi jew l-impjegat li jaħdem fil-biedja jkunu assenti. F'dan il-każ, qed nitkellmu dwar taħriġ li l-bdiewa ngħataw dwar is-suġġetti msemmijin hawn fuq u, għalhekk, intlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

([15]) p. 40–41.
([16]) Skont il-paġna 47 tal-ittra tas-27 ta' Frar 2015.
([17]) Skont il-paġni 41 sa 42 tal-ittra ta' Settembru tal-2013.

(58) Barra minn hekk, intlaħqu wkoll il-kundizzjonijiet tal-punt 14.2 minħabba li, fil-prinċipju, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha fiż-żona kkonċernata kellhom l-opportunità jieħdu sehem fit-taħriġ abbażi ta' kriterji ddefiniti b'mod oġġettiv. Il-limitu massimu ta' EUR 100 000 permess għall-għajnuna (stabbilit fil-punt 14.3) ma nqabiżx minħabba li l-għajnuna kienet tammonta għal madwar EUR 125 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin.

Il-miżura HE 3

(59) L-istat federali ta' Hessen ta appoġġ finanzjarju għall-ħidma mal-pubbliku inġenerali biex il-konsumaturi jingħataw tagħrif dwar il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, fosthom dwar il-valur fiżjoloġiku u nutrizzjonali tagħhom u dwar kif dawn jistgħu jintużaw. It-tim tal-LVMH responsabbli min-nutrizzjoni xerred l-għarfien xjentifiku f'forma li tiftiehem minn kulħadd, organizza avvenimenti ta' informazzjoni u wettaq kampanji u miżuri ta' relazzjonijiet pubbliċi (li ma kellhomx fil-mira xi impriżi partikulari) fil-forma ta' volantini, fuljetti, karti, riċetti u posters dwar il-produzzjoni tal-ħalib u dwar it-trattament u l-ipproċessar tiegħu u tal-prodotti tal-ħalib.

(60) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([18]) li l-miżura HE 3 ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat minħabba li ma kienet tiffavorixxi lill-ebda impriża partikulari jew lill-ebda settur partikulari tal-produzzjoni. Il-miżura kienet biss miżura "ta' edukazzjoni tal-konsumaturi". Il-Ġermanja qalet li, għall-kuntrarju, l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq intern.

(61) Jekk il-miżura titqies bħala għajnuna mill-Istat, għall-kuntrarju ta' dak li qed issostni l-Ġermanja, hija xorta waħda tkun konformi mal-prassi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li kienet teżisti dak iż-żmien u għalhekk xorta waħda titqies bħala leġittima fis-sustanza tagħha. Il-miżura ma kinitx limitata għal grupp partikulari, iżda appoġġat lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali. B'hekk, tħarsu l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. Skont il-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, setgħet tingħata għajnuna li tkopri sa 100 % tal-ispejjeż. L-ammont tal-għotjiet li ngħata fir-realtà kien ferm inqas mil-limitu applikabbli ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin (stabbilit fil-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006). Fl-istat federali ta' Hessen bejn l-2001 u l-2006 kien hemm madwar 6 000 bidwi li kien irabbi l-baqar tal-ħalib u li kien attiv f'dan is-settur u b'hekk matul il-perjodu kkonċernat kull benefiċjarju ngħata ammont medju ta' madwar EUR 170.

Il-miżura HE 9

(62) L-istat federali ta' Hessen ta appoġġ finanzjarju lil-LVMH għall-miżura għat-taħriġ tal-bdiewa żgħażagħ li jrabbu l-baqar tal-ħalib imsejħa "Fortbildung für junge Milchviehhalter". L-għan ta' din il-miżura kien li jitjiebu l-ħiliet tal-bdiewa żgħażagħ li jrabbu l-baqar tal-ħalib. L-ispejjeż eliġibbli kienu jinkludu l-ispejjeż reali tal-organizzazzjoni ta' programm tat-taħriġ, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, kif ukoll l-ispejjeż għall-forniment ta' sostitut għall-perjodu li matulu l-bidwi jew l-impjegat li jaħdem fil-biedja jkunu assenti.

(63) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([19]) li din il-miżura ma kellhiex impatt kbir fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Għalhekk din it-tip ta' għajnuna setgħet tingħata sa rata massima ta' 100 % biex tkopri l-ispejjeż tal-attivitajiet deskritti b'mod preċiż, u b'mod partikulari dawk tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Il-miżura deskritta tista' tidħol fil-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, minħabba li, fl-aħħar mill-aħħar, hija kienet tikkostitwixxi l-għajnuna għall-edukazzjoni u għat-taħriġ deskritta fih.

(64) Din il-miżura kienet tinkludi taħriġ klassiku fis-settur tal-ħalib li, fil-prinċipju, kien miftuħ għall-produtturi kollha, u b'hekk kienet konformi mar-rekwiżiti tal-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. F'dawn il-każijiet setgħet tingħata għajnuna li tkopri 100 % tal-ispejjeż. L-ammont kollu tal-għajnuna li ngħata fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006 kien ta' madwar EUR 35 000 u, b'hekk, kien inqas mil-limitu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin (stabbilit fil-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006).

Il-miżura NI 5

(65) L-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Niedersachsen e.V." (fil-qosor "LVMN") għall-parteċipazzjoni fil-fieri u fil-wirjiet u għat-tħejjija tal-għarfien xjentifiku f'forma li tiftiehem faċilment. F'dan il-kuntest, ġew issussidjati l-ispejjeż tal-kiri tal-post fejn tkun se ssir il-wirja u tat-tagħmir tiegħu, kif ukoll l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fattwali (fil-forma ta' fuljetti, riċetti, eċċ.) dwar il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, fosthom dwar il-valur fiżjoloġiku u nutrizzjonali tagħhom u dwar kif dawn jistgħu jintużaw, kif ukoll dwar il-produzzjoni tal-ħalib fl-istat federali tas-Sassonja t'Isfel. L-LVMN ikkoordinat din il-miżura. L-implimentazzjoni teknika tal-miżura saret mill-assoċjazzjoni nnifisha jew inkella minn partijiet terzi li qabbdithom jagħmlu dan hi stess.

([18]) p. 43–47.
([19]) p. 43–47.

(66) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([20]) li l-miżura taqa' taħt ir-raba' inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 (li jittratta l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, tal-wirjiet u tal-fieri). Fil-qalba ta' din il-miżura nsibu s-sussidju li ngħata lil-LVMN għall-istand tal-fiera tagħha. B'hekk, skont il-Ġermanja, din il-miżura setgħet titqies bħala għajnuna aċċettabbli u kompatibbli mal-liġijiet tal-UE jekk jintlaħqu wkoll il-kundizzjonijiet tal-punti 14.2 u 14.3.

(67) Skont l-istat federali tas-Sassonja t'Isfel, ir-rekwiżiti rilevanti ntlaħqu, minħabba li, permezz tal-istand ta' parteċipazzjoni konġunta, ibbenefikaw mill-miżura l-azjendi kollha tal-produzzjoni tal-ħalib (li bejn l-2001 u l-2006 kienu jammontaw għal madwar 17 500 waħda bħala medja). B'hekk, minn banda, ġie żgurat li l-azjendi kollha tal-produzzjoni tal-ħalib kellhom aċċess għall-miżura (kif meħtieġ skont il-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006) u, mill-banda l-oħra, ġie żgurat li l-għajnuna ma kinitx taqbeż il-limitu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin (kif meħtieġ skont il-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006).

Il-miżura NI 6 (fil-każ tal-perjodu mill-2001 sal-2003)

(68) Barra minn hekk, l-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju lill-impriżi tal-ipproċessar biex dawn jieħdu sehem fil-fieri. Skont il-Ġermanja, l-għajnuna li ngħatat mill-2001 sal-2006 kienet konformi mar-rekwiżiti tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. Mis-26 ta' Novembru 2003 'l quddiem, il-miżura ssejset fuq l-għajnuna mill-Istat approvata bin-numru ta' referenza 200/2003, li kienet fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2008 u li kienet tippermetti li l-għajnuna tingħata b'intensità massima ta' 50 % jew b'limitu massimu ta' EUR 70 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin.

(69) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([21]) li din il-miżura kienet tinkludi biss għajnuna lill-impriżi li jaħdmu fis-settur tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni (l-imħaleb) biex dawn jieħdu sehem fil-fieri u fil-wirjiet. B'hekk, din il-miżura għandha tiġi vvalutata skont ir-raba' inċiż tal-punt 14.1 u mhux skont il-ħames inċiż tiegħu (hekk kif assumiet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha). Għalhekk, abbażi ta' dan, din l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq intern anki matul il-perjodu mill-2001 sal-2003.

(70) Fil-kummenti tagħhom tas-27 ta' Frar 2015, l-awtoritajiet Ġermaniżi żguraw li, tul il-perjodu rilevanti (jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2002 sas-26 ta' Novembru 2003) ([22]), il-miżura NI 6 kienet miftuħa għall-impriżi kollha li jaħdmu fis-settur tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-ħalib u li din l-għajnuna ngħatat skont kriterji oġġettivi. Barra minn hekk, il-miżura ma kinitx tiddependi fuq jekk impriża kinitx membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' xi organizzazzjoni agrikola oħra jew le.

(71) Skont l-istess kummenti, l-intensità massima tal-għajnuna ta' din il-miżura kienet ta' 48 %. Fil-perjodu msemmi, impriża waħda biss irċeviet għajnuna li b'kollox kienet tammonta għal iktar minn EUR 100 000 fil-kuntest ta' din il-miżura (li kienet l-impriża "Nordmilch eG"). Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, l-impriża "Nordmilch eG" ma tidħolx fid-definizzjoni ta' SME. Għalhekk huma kienu qed janalizzaw il-possibbiltà li jirkupraw din l-għajnuna individwali.

Il-miżura NI 7

(72) L-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju għal miżuri ġenerali ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-ħalib bħala prodott tal-ikel. Il-benefiċjarju ta' dawn il-fondi kienet l-LVMN, li f'isimha tħejja l-materjal tal-informazzjoni.

(73) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([23]) li l-miżura għall-ħidma mal-pubbliku inġenerali, imsejħa "Allgemeine Öffentlichkeitsarbeit", ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat minħabba li ma kienet tiffavorixxi lill-ebda impriża partikulari jew lill-ebda settur partikulari tal-produzzjoni.

(74) Il-Ġermanja qalet ([24]) li l-miżura kienet tikkonforma fis-sustanza tagħha mar-rekwiżiti tal-linji gwida Komunitarji li kienu japplikaw dak iż-żmien u li, fil-prinċipju, din setgħet titqies bħala forma ta' għoti ta' għajnuna teknika skont il-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, minħabba li serviet biex jixxerrdu b'mod ġenerali l-għarfien xjentifiku attwali u l-informazzjoni ġenerali dwar il-karatteristiċi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib.

(75) Skont il-Ġermanja, il-miżura kollha ma kinitx limitata għal grupp partikulari, iżda appoġġat lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali. B'hekk, tħarsu l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

([20]) p. 55.
([21]) p. 56.
([22]) B'rabta ma' dan, l-awtoritajiet Ġermaniżi żguraw li, fl-2001 (fil-perjodu rilevanti għall-proċedura ewlenija ta' eżami), ma kien hemm l-ebda obbligu legalment vinkolanti b'rabta mal-benefiċjarji tal-għajnuna.
([23]) p. 43.
([24]) p. 58–59.

(76) Skont il-Ġermanja, l-ammont tal-għotja kien ferm inqas mil-limitu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin stabbilit fil-punt 14.3. Meta wieħed iqis li, matul il-perjodu msemmi hawn fuq, fl-istat federali tas-Sassonja t'Isfel kien hemm madwar 17 500 produttur tal-ħalib bħala medja u b'kollox ingħataw madwar EUR 6,9 miljun għall-miżura NI 7, kull benefiċjarju rċieva madwar EUR 395 tul il-perjodu kollu.

Il-miżuri NW 4 u NW 5

(77) L-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen ta appoġġ finanzjarju għal avvenimenti ta' informazzjoni, għal azzjonijiet ta' edukazzjoni ġenerali tal-konsumaturi u għal azzjonijiet dwar l-użu tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u dwar il-karatteristiċi ġenerali tagħhom (is-sottomiżura NW 4). Il-benefiċjarji ta' dawn l-għotjiet kienu l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Nordrhein-Westfalen e.V." (fil-qosor "LVMNRW") u l-għaqdiet agrikoli ta' Rheinland u Westfalen-Lippe msejħin "Landwirtschaftsverbände Rheinland und Westfalen-Lippe".

(78) Barra minn hekk, l-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen ta wkoll appoġġ finanzjarju għal avvenimenti għall-iskambju tal-għarfien bejn il-produtturi tal-ħalib dwar kwistjonijiet marbutin mal-industrija tal-ħalib (is-sottomiżura NW 5).

(79) Is-sussidju ngħata għall-ispejjeż tal-organizzazzjoni u tat-twettiq tal-avvenimenti, tas-servizzi ta' konsulenza u tal-edukazzjoni u tat-taħriġ dwar kwistjonijiet marbutin mal-industrija tal-ħalib. L-intensità tal-għajnuna kienet sa 30 %.

(80) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([25]) li l-miżuri NW 4 u NW 5 ma kienu jiffavorixxu lill-ebda impriża partikulari jew lill-ebda settur partikulari tal-industrija, minħabba li dawn kellhom fil-mira tagħhom lill-pubbliku inġenerali. B'hekk dawn il-miżuri ma setgħux jitqiesu bħala għajnuna teknika. Barra minn hekk, l-ebda waħda minn dawn il-miżuri ma kienet tagħmel preferenzi potenzjali abbażi ta' selettività ġeografika u sostantiva.

(81) Fil-kummenti tagħhom tas-27 ta' Frar 2015, l-awtoritajiet Ġermaniżi stmaw li l-ispejjeż annwali totali għall-miżura NW 4 kienu jvarjaw minn EUR 335 200 għal EUR 497 800 fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006. Minħabba li f'dak il-perjodu kien hemm madwar 10 000 azjenda li kienu jrabbu l-baqar tal-ħalib, kull benefiċjarju rċieva bejn EUR 33,52 u EUR 49,78 kull sena. Fil-każ tal-miżura NW 5 kull sena ntefqu EUR 14 000 u, allura, kull sena kull benefiċjarju rċieva madwar EUR 1,40.

Il-miżura NW 6

(82) L-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen ta appoġġ finanzjarju għall-ġbir ta' dejta rilevanti li kkontribwiet għat-trasparenza fis-suq. L-ispejjeż eliġibbli kienu dawk li ġarrbet l-LVMNRW għall-ġbir, l-evalwazzjoni u l-pubblikazzjoni tad-dejta rilevanti dwar is-suq tal-ħalib. Ir-riżultati ġew ippubblikati bħala avviżi u rapporti dwar is-suq u kienu jinsabu għad-dispożizzjoni ta' kulħadd mingħajr ħlas. Dawn ikkontribwew għat-trasparenza fis-suq u servew biex tiżdied l-informazzjoni fattwali u xjentifika disponibbli, kif ukoll biex jiżdied l-iskambju tal-għarfien bejn l-impriżi tas-settur tal-ħalib.

(83) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([26]) li din il-miżura ma kienet tinkludi l-ebda selettività ġeografika u sostantiva. Għall-kuntrarju, l-argument kien li kienu tħarsu r-rekwiżiti tal-kompatibbiltà stabbiliti fil-Linji gwida Komunitarji.

(84) Il-benefiċjarji kienu l-bdiewa, il-gruppi tal-produtturi u l-partijiet interessati kollha tas-settur tal-ħalib ([27]).

(85) Fil-kummenti tagħha tas-27 ta' Frar 2015, il-Ġermanja stmat li l-ispejjeż annwali totali għall-miżura NW 6 kienu jvarjaw minn EUR 139 400 għal EUR 155 900 fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006. Minħabba li f'dak il-perjodu kien hemm madwar 10 000 azjenda li kienu jrabbu l-baqar tal-ħalib, kull benefiċjarju rċieva bejn EUR 13,94 u EUR 15,59 kull sena.

Il-miżuri RP 1 u SL 2

(86) L-istati federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' Saarland taw appoġġ finanzjarju għall-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi, fosthom it-tixrid tal-għarfien xjentifiku f'forma li tiftiehem minn kulħadd u l-għoti ta' informazzjoni ġenerali fattwali dwar il-prodotti, il-benefiċċji fiżjoloġiċi u nutrizzjonali tagħhom u l-użu ssuġġerit għalihom. L-ispejjeż eliġibbli kienu dawk għall-parteċipazzjoni fil-fieri u fil-wirjiet, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż tal-pubblikazzjonijiet, l-ispejjeż tal-kera tal-postijiet fejn ikunu se jsiru l-wirjiet u l-ispejjeż tal-premjijiet simboliċi ta' mhux aktar minn EUR 250 għal kull premju u għal kull rebbieħ.

([25]) p. 70–74.
([26]) p. 76.
([27]) Skont l-ittra ta' Frar tal-2013.

(87) Il-miżuri li kienu jservu ta' riklami ([28]) u l-miżuri li kellhom fil-mira l-prodotti ta' impriżi partikulari kienu eskluż mill-finanzjament. Il-grupp ta' ħidma tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Rheinland-Pfalz imsejjaħ "Milchwirtschaftliche Arbeitsgemeinschaft Rheinland-Pfalz e.V." (fil-qosor "MILAG") u l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Saarland imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft des Saarlandes e.V." (fil-qosor "LVMS") ikkoordinaw din il-miżura u ħadu ħsieb l-implimentazzjoni teknika tagħha.

(88) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([29]) li dawn il-miżuri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat minħabba li ma kienu jiffavorixxu lill-ebda impriża partikulari jew lill-ebda settur partikulari tal-produzzjoni. Skont il-Ġermanja, il-miżuri kienu biss miżuri "ta' edukazzjoni tal-konsumaturi". Il-Ġermanja qalet li, għall-kuntrarju, l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq intern. Il-punt 8 tal-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għar-reklamar tal-prodotti agrikoli speċifika l-miżuri li jitqiesu bħala għajnuna kummerċjali teknika fis-settur agrikolu skont it-tifsira tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(89) Skont il-prassi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li kienet teżisti bejn l-2000 u l-2006, li ntużat għal diversi oqsma ta' prodotti u fil-każ ta' diversi Stati Membri, il-Kummissjoni dak iż-żmien qieset li l-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri li kienu simili għal dawk imsemmijin hawnhekk kienet leġittima fis-sustanza tagħha u setgħet tiġi approvata.

(90) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li, jekk il-miżuri RP 1 u SL 2 jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat, għall-kuntrarju ta' dak li qed issostni hija stess, dawn xorta waħda jkunu konformi mal-prassi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li kienet teżisti dak iż-żmien u għalhekk xorta waħda jitqiesu bħala leġittimi fis-sustanza tagħhom. Skont il-Ġermanja, il-miżuri kollha għall-ħidma mal-pubbliku inġenerali, imsejħin "Allgemeine Öffentlichkeitsarbeit", ma kinux limitati għal grupp partikulari, iżda appoġġaw lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali. B'hekk, tħarsu l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. Skont il-punt 14.3, is-sussidji setgħu jkopru sa 100 % tal-ispejjeż.

(91) Fl-ittra tagħha tas-27 ta' Frar 2015, il-Ġermanja qalet li l-ammont kollu tal-għajnuna li ngħata fuq perjodu ta' tliet snin kien inqas mil-limitu massimu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju u, fil-fatt, kien ta' bejn EUR 46 u EUR 73 fis-sena għal kull benefiċjarju ([30]).

Il-miżuri RP 5 u SL 5

(92) L-istati federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' Saarland taw appoġġ finanzjarju għas-servizzi ta' konsulenza teknika u għall-programmi tat-taħriġ għall-produtturi tal-ħalib biex jitjiebu l-iġjene waqt il-proċeduri tal-ħlib u l-kwalità tal-ħalib ikkonsenjat (is-sottomiżuri RP 5 u SL 5). Is-sussidju ngħata sa limitu massimu ta' EUR 75 000 fis-sena fl-istat federali ta' Rheinland-Pfalz u sa limitu massimu ta' EUR 15 000 fis-sena fl-istat federali ta' Saarland għall-ispejjeż tas-servizzi ta' konsulenza ppruvati. Is-servizzi ta' konsulenza li kienu għadhom għaddejjin kienu eskluż mill-finanzjament. L-assoċjazzjoni ta' kontroll tal-istat federali ta' Rheinland-Pfalz imsejħa "Landeskontrollverband Rheinland-Pfalz e.V." (fil-qosor "LKVRP") u l-LVMS ikkoordinaw dawn il-miżuri u ħadu ħsieb l-implimentazzjoni teknika tagħhom.

(93) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([31]) li s-servizzi ta' konsulenza speċjali dwar il-proċeduri tal-ħlib u l-miżuri għat-titjib tal-kwalità tal-ħalib mhux ipproċessat fl-istati federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' Saarland kienu kompatibbli mas-suq intern anki matul il-perjodu mill-2001 sal-2006.

(94) L-għan tal-miżuri kien li jiġu offruti konsulenza speċjali dwar il-proċeduri tal-ħlib u pariri u taħriġ marbut magħhom, bl-involviment tal-veterinarji, lill-produtturi tal-ħalib ikkonċernati li jkunu ntgħażlu wara li jinstabulhom problemi (bħal, pereżempju, għadd ikbar ta' ċelloli somatiċi) fil-kuntest tal-ispezzjonijiet tal-kwalità tal-ħalib ikkonsenjat, sabiex titjieb is-saħħa tal-idirgħa u b'hekk titjieb il-kwalità tal-ħalib mhux ipproċessat. Kull produttur tal-ħalib fl-istati federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' Saarland seta' jibbenefika minn din l-offerta. Ma kienx hemm bżonn li wieħed ikun membru tal-LKVRP jew tal-LVMS. Is-servizzi ta' konsulenza li kienu għadhom għaddejjin jew li jintalbu f'intervalli regolari taż-żmien (bħall-konsulenza dwar it-taxxi, il-pariri legali u l-konsulenza dwar ir-reklamar) kienu eskluż mill-finanzjament.

(95) Il-Ġermanja qalet li, b'hekk, dan huwa servizz issussidjat. Ma sar l-ebda pagament dirett lill-bdiewa.

([28]) Il-bażi ġuridika għall-miżuri li jservu ta' riklami fl-istat federali ta' Rheinland-Pfalz ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat bin-numru ta' referenza 381/2009 li tittratta l-miżuri għall-kummerċjalizzazzjoni fis-settur agrikolu msejħa "Agrarmarketing-maßnahmen in Rheinland-Pfalz".

([29]) p. 43.

([30]) Skont il-paġna 48 tal-ittra tas-27 ta' Frar 2015.

([31]) p. 80.

(96) Skont l-istat federali ta' Rheinland-Pfalz, il-finanzjament tas-servizzi ta' konsulenza skont it-tielet inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 mhux marbut mat-tixrid ta' metodi ġodda. Din ir-rabta bla dubju teżisti għall-finanzjament ta' "attivitajiet oħrajn għat-tixrid ta' metodi ġodda" skont il-ħames inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. Barra minn hekk, il-miżura kienet teskludi biċ-ċar il-finanzjament tas-servizzi ta' konsulenza li kienu għadhom għaddejjin jew li jintalbu f'intervalli regolari taż-żmien.

(97) Skont il-Ġermanja, il-kundizzjonijiet tal-punti 14.2 u 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 ntlaħqu minħabba li ma kienx hemm bżonn li wieħed ikun membru tal-LKVRP jew tal-fornitur tas-servizzi ta' konsulenza.

(98) Il-Ġermanja żgurat li l-għajnuna li ngħatat b'kollox lil kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin ma qabżitx l-ammont ta' EUR 100 000. Kull sena ngħataw il-pariri madwar 300 produttur tal-ħalib fl-istat federali ta' Rheinland-Pfalz u madwar 100 fl-istat federali ta' Saarland. Minħabba li l-approprjazzjoni annwali kienet ta' madwar EUR 59 000 fl-istat federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' madwar EUR 13 000 fl-istat federali ta' Saarland, kull benefiċjarju ngħata, bħala medja, madwar EUR 197 fl-istat federali ta' Rheinland-Pfalz u madwar EUR 130 fl-istat federali ta' Saarland.

(99) Il-benefiċjarji kienu l-bdiewa (l-SMEs) u l-gruppi tal-produtturi.

Il-miżuri TH 3 u TH 4

(100) L-istat federali ta' Thüringen ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen imsejħa "Landesvereinigung Thüringer Milch e.V." (fil-qosor "LVTM") għall-parteċipazzjoni tagħha fil-wirjiet kummerċjali u f'dawk għall-konsumaturi (il-ġranet iddedikati għall-affarijiet ekoloġiċi f'dan l-istat federali msejħin "Grüne Tage Thüringen") u għall-organizzazzjoni ta' konferenzi tekniċi biex jixtered l-għarfien xjentifiku (il-jum iddedikat għall-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen imsejjaħ "Thüringer Milchtag") (is-sottomiżura TH 3).

(101) Barra minn hekk, ġiet issussidjata l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fattwali dwar il-produtturi ta' dan ir-reġjun (il-ħidma mal-pubbliku inġenerali, il-jum internazzjonali tal-ħalib u r-reġina tal-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen) (is-sottomiżura TH 4).

(102) L-ispejjeż eliġibbli kienu l-ispejjeż tal-persunal u dawk li ntefqu fuq il-materjal. Il-benefiċjarju ta' dawn il-fondi kienet l-LVTM.

(103) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([32]) li jenħtieġ li l-miżura TH 3 titqies bħala kompatibbli mas-suq intern (skont il-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006). L-għan tagħha kien li ttejjeb l-effiċjenza u l-professjonaliżmu tal-agrikoltura fil-Komunità u b'hekk tikkontribwixxi għall-vijabbiltà ekonomika ta' dan is-settur fit-tul.

(104) L-organizzazzjoni ta' konferenzi tekniċi biex jixtered l-għarfien xjentifiku (bħall-jum iddedikat għall-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen imsejjaħ "Thüringer Milchtag") jista' jaqa' taħt it-tielet inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, li jittratta l-miżati għas-servizzi ta' konsulenza. Il-parteċipazzjoni fil-wirjiet kummerċjali u f'dawk għall-konsumaturi sabiex fihom tiġi rrappreżentata l-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen (bħal, pereżempju, il-ġranet iddedikati għall-affarijiet ekoloġiċi f'dan l-istat federali msejħin "Grüne Tage Thüringen") taqa' taħt ir-raba' inċiż tal-punt 14.1 (li jittratta l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, tal-wirjiet u tal-fieri).

(105) Il-Ġermanja qalet li l-miżura kollha ma kinitx limitata għal grupp partikulari, iżda appoġġat lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali (skont il-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006). L-ammont tal-għajnuna li ngħata lil kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin ma kienx jaqbeż l-ammont ta' EUR 100 000.

(106) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ukoll ([33]) li l-miżura TH 4 kienet tittratta l-ħidma mal-pubbliku inġenerali. Hija serviet biex jixxerred b'mod wiesa' l-għarfien xjentifiku attwali dwar il-karatteristiċi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u b'hekk kienet tikkostitwixxi għajnuna teknika skont it-tifsira tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. L-attivitajiet tal-assoċjazzjoni tal-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen imsejħa "Landesvereinigung Thüringer Milch e.V." jaqgħu taħt it-tielet inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 bħala miżati għas-servizzi ta' konsulenza.

(107) L-infiq fuq l-istands kollha u fuq il-kampanji ta' informazzjoni għall-konsumaturi waqt il-fieri kien jaqa' taħt ir-raba' inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 (li jittratta l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, tal-wirjiet u tal-fieri). L-avvenimenti multiplikaturi, maħsubin biex ixerrdu metodi ġodda u għarfien ġdid, setgħu jiġu kklassifikati taħt il-ħames inċiż (li jittratta attivitajiet oħrajn għat-tixrid ta' metodi ġodda).

(108) Il-miżura kollha ma kinitx limitata għal grupp partikulari, iżda appoġġat lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali (skont il-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006).

([32]) p. 82.
([33]) p. 83.

(109) L-ammont tal-għajnuna li ngħata lil kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin ma kienx jaqbeż l-ammont ta' EUR 100 000.

Il-miżuri TH 9 u TH 10

(110) L-istat federali ta' Thüringen ta appoġġ finanzjarju għat-taħriġ tal-impjegati li jaħdmu fl-imħaleb (is-sottomiżura TH 9) u għall-finanzjament ta' kompetizzjonijiet professjonali (is-sottomiżura TH 10).

(111) Il-miżuri tat-taħriġ kellhom fil-mira tagħhom lill-impjegati li jaħdmu fl-imħaleb u kellhom l-għan li jtejbu l-ħiliet tal-impjegati tas-settur agrikolu (li ngħataw ċertifikat ta' kompetenza fil-ħlib). L-assoċjazzjoni tal-edukazzjoni reġjonali tal-istat federali ta' Thüringen imsejħa "Verein Landvolkbildung Thüringen" (fil-qosor "VLT") implimentat din il-miżura.

(112) It-tieni miżura ffinanzjat l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet professjonali fl-oqsma tat-tnissil tal-annimali u tal-ħlib. Kienu l-assoċjazzjoni taż-żgħażagħ tal-istat federali ta' Thüringen, imsejħa "Thüringer Landjugendverband e.V." (fil-qosor "TLJV"), u l-assoċjazzjoni ta' dawk li jaħilbu ta' dan l-istat federali, imsejħa "Thüringer Melkergemeinschaft e.V." (fil-qosor "TMG"), li organizzaw dawn il-kompetizzjonijiet. Il-miżura ffinanzjat l-ispejjeż tat-tħejjija tal-kompetizzjonijiet u tal-organizzazzjoni tagħhom, kif ukoll dawk tal-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet transreġjonali.

(113) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([34]) li l-miżuri tat-taħriġ li saru fil-kuntest tal-miżura TH 9 kellhom fil-mira tagħhom lill-impjegati li jaħdmu f'azjendi li jrabbu l-baqar tal-ħalib. L-assoċjazzjoni tal-edukazzjoni reġjonali tal-istat federali ta' Thüringen imsejħa "Verein Landvolkbildung Thüringen" tat dan it-taħriġ. Il-pagamenti kellhom isiru fil-forma ta' ħlas lil din l-assoċjazzjoni għas-servizzi li jkunu ngħataw fir-realtà, ikkalkulati u rrimborżati bir-rati normali tas-suq.

(114) Il-Ġermanja kompliet issostni li ma ntlaħqux il-kundizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 tat-TFUE. Fil-każ tat-taħriġ offrut lill-impjegati wkoll, il-kundizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 tat-TFUE ma ntlaħqux, minħabba li l-pagamenti ma sarux lil impriżi speċifiċi.

(115) Għall-kuntrarju, l-argument kien li din il-miżura kienet tħares ir-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. F'dan il-każ, qed nitkellmu dwar taħriġ li l-bdiewa ngħataw dwar is-suġġetti msemmijin hawn fuq u, għalhekk, intlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-punt 14.1. Il-persuni kollha kkonċernati li kienu jaħdmu fiż-żona kkonċernata setgħu jipparteċipaw fit-tip ta' taħriġ deskritt hawn fuq abbażi ta' kriterji ddefiniti b'mod oġġettiv. Għalhekk, intlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. Il-limitu massimu ta' EUR 100 000 permess għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin (stabbilit fil-punt 14.3) ma nqabiżx. Fil-fatt, l-ammont tal-għajnuna li ngħata b'kollox fil-kuntest ta' din is-sottomiżura ma qabiżx l-ammont ta' EUR 100 000 fuq perjodu ta' tliet snin.

(116) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ukoll ([35]) li s-sottomiżura TH 10 iffinanzjat l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' kompetizzjonijiet professjonali fl-oqsma tat-tnissil tal-annimali u tal-ħlib. It-TLJV u t-TMG organizzaw il-kompetizzjonijiet. Dawn irċevew ħlas, ikkalkulat bir-rati normali tas-suq, talli organizzaw u wettqu avvenimenti transreġjonali, kif ukoll talli ħadu sehem fihom.

(117) Minħabba li l-pagamenti tqiesu li huma forma ta' ħlas għas-servizzi li ngħata bħala kumpens għall-infiq ekwivalenti, ma sarux preferenzi u b'hekk dawn ma kinux rilevanti, mil-lat legali, għall-għajnuna mill-Istat.

(118) Għall-kuntrarju, l-argument kien li din il-miżura kienet tħares ir-rekwiżiti tar-raba' inċiż tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. L-għajnuna ma kinitx limitata għal gruppi partikulari. Il-persuni kollha kkonċernati fiż-żona kkonċernata setgħu jipparteċipaw fit-tip ta' kompetizzjonijiet professjonali deskritti hawn fuq abbażi ta' kriterji ddefiniti b'mod oġġettiv. Għalhekk, intlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. Il-limitu massimu ta' EUR 100 000 permess għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin skont il-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji ma nqabiżx. Fil-fatt, l-ammont tal-għajnuna li ngħata b'kollox fil-kuntest ta' din is-sottomiżura ma qabiżx l-ammont ta' EUR 100 000 fuq perjodu ta' tliet snin.

Għajnuna teknika mill-2007 'l quddiem

Il-miżura RP 2

(119) L-istat federali ta' Rheinland-Pfalz ta appoġġ finanzjarju lill-impriżi tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti għall-iskambju tal-għarfien bejn l-impriżi, fil-kompetizzjonijiet, fil-wirjiet u fil-fieri (is-sottomiżura RP 2). Dan il-finanzjament ma kienx limitat għall-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari. L-għajnuna kienet limitata għal intensità ta' 10 % tal-ispejjeż ippruvati, iżda ma setgħetx taqbeż l-ammont massimu ta' EUR 5 200 għal kull impriża u għal kull avveniment.

([34]) p. 84.
([35]) p. 85.

(120) Skont il-punt 105 tal-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u tal-forestrija għall-2007 sal-2013 ([36]) (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Linji gwida għall-2007 sal-2013"), l-għajnuna mill-Istat għall-għoti ta' għajnuna teknika lill-impriżi li jkunu jaħdmu fl-oqsma tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 ([37]), li wara nbidel bl-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 ([38]). B'hekk, l-intensità tal-għajnuna ma tistax taqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż biex tinkera, titwaqqaf u titħaddem l-istand għall-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari. Skont il-punt 106 tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, mhux permess li tingħata għajnuna mill-Istat għall-ispejjeż li jidħlu fil-punti 104 u 105 lill-impriżi l-kbar.

(121) Minħabba li l-Ġermanja ma wrietx li din il-mizura tissodisfa kull waħda mill-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq b'rabta mal-għajnuna teknika, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha. Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ il-Ġermanja ntalbet tibgħat valutazzjoni ddettaljata ta' kull miżura b'rabta mal-kriterji deskritti hawn fuq, kif ukoll id-dokumentazzjoni x-xierqa li tissostanzja t-tweġibiet tagħha ([39]).

(122) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja spjegat ([40]) li l-istat federali ta' Rheinland-Pfalz kien se jindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni u kien se jemenda r-regoli tal-eliġibbiltà għall-finanzjament fil-ġejjieni biex is-sussidju jkun jista' jingħata biss għall-*ewwel* parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari. Il-Ġermanja qalet li b'hekk ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tat-Taqsima IV.K tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, flimkien mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 ([41]).

(123) L-awtoritajiet Ġermaniżi reġgħu vvalutaw il-proġetti li kienu ġew iffinanzjati fid-dawl ta' dan ir-rekwiżit addizzjonali. Fis-snin individwali saru l-pagamenti li ġejjin għall-parteċipazzjoni ripetuta ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari:

Sena	L-2003	L-2004	L-2005	L-2006	L-2007	L-2008	L-2009	L-2010	L-2011	L-2012
Għadd	2	2	1	1	2	1	2	3	3	6
Ammont f'EUR	5 113	5 113	10 226	5 113	10 226	5 113	10 226	5 113	2 500	1 764

(124) Fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Ministeru Federali tal-Ikel u tal-Agrikoltura qal lill-Kummissjoni li, fil-perjodu mill-2007 'l quddiem, il-miżura RP 2 ma kinitx limitata għall-SMEs (ara l-paragrafu 16). Fil-kuntest ta' din il-miżura kienu ngħataw l-għajnuna wkoll l-impriża msejħa "Hochwald Foods GmbH" u dik imsejħa "MUH Arla eG".

(125) Fil-kummenti tagħha tat-13 ta' Jannar 2017, il-Ġermanja spjegat li, fil-perjodu mill-2007 'l quddiem, l-ispejjeż eliġibbli għal din is-sottomiżura kienu biss dawk biex tintrama stand tal-fiera. F'dan il-perjodu ma ġewx iffinanzjati spejjeż oħrajn.

([36]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.
([37]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna tal-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33).
([38]) Fl-1 ta' Lulju 2014, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Shiħa) skond l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3) tħassar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).
([39]) Ara l-paragrafu 244 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.
([40]) p. 77.
([41]) Dan ir-Regolament tħassar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1) b'effett mill-1 ta' Lulju 2014.

2.2. **Għajnuna biex titjieb il-kwalità tal-ħalib ikkonsenjat (fil-perjodu mill-2001 sal-2006)**

(126) L-istati federali ta' Baden-Württemberg, is-Sassonja t'Isfel u Thüringen taw appoġġ finanzjarju (permezz tas-sottomiżuri BW 10, BW 11, NI 1 u TH 5) biex titjieb il-kwalità tal-ħalib ikkonsenjat permezz tal-għoti ta' pariri u ta' taħriġ lill-produtturi tal-ħalib, tal-kompilazzjoni u tal-aġġornament ta' bażijiet tad-dejta u ta' kontrolli tal-produtturi tal-ħalib b'rabta mal-introduzzjoni tas-sistemi ta' garanzija tal-kwalità msejħin "Qualitätsmanagement Milch (QM-Milch)" ("il-ġestjoni tal-kwalità tal-ħalib") ([42]). L-għan tal-miżuri kien li titjieb il-kwalità tal-ħalib ikkonsenjat. La ġie ssussidjat it-taħriġ tal-persunal li jwettaq il-kontrolli sabiex dan jikseb għarfien speċifiku speċjalizzat u lanqas ma ġiet issussidjata l-akkreditazzjoni tal-laboratorji approvati.

(127) Il-benefiċjarji aħħarin ta' dawn is-sottomiżuri kienu l-SMEs tas-settur agrikolu primarju li jipproduċu l-ħalib. Skont il-Ġermanja, il-bdiewa kollha fiż-żona kkonċernata setgħu jibbenefikaw mill-għajnuna abbażi ta' kriterji ddefiniti b'mod oġġettiv ([43]).

(128) Bejn l-2001 u l-2011 b'kollox intefqu EUR 3,3 miljun mir-riżorsi tal-baġit (fl-istati federali kollha flimkien).

(129) Skont l-informazzjoni li pprovdew l-awtoritajiet Ġermaniżi, bejn l-2001 u l-2011 l-għajnuna ngħatat b'intensità massima ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-awtoritajiet Ġermaniżi qalu li l-finanzjament tal-miżura skada fil-31 ta' Diċembru 2012 fl-istat federali ta' Baden-Württemberg u kien limitat sal-31 ta' Diċembru 2014 fl-istati federali tas-Sassonja t'Isfel u ta' Thüringen.

(130) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ il-Ġermanja ntalbet tibgħat valutazzjoni ddettaljata skont il-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 (b'mod speċjali l-punt 13.2, li jistabbilixxi limitu massimu ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli jew ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin, skont liema minnhom ikun l-ikbar) ([44]).

Il-miżuri BW 10 u BW 11

(131) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([45]) li dawn il-miżuri implimentawhom l-assoċjazzjoni għall-ittestjar tal-ħalib tal-istat federali ta' Baden-Württemberg imsejħa "Milchprüfring Baden-Württemberg" (fil-każ tal-miżura BW 10) u l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Baden-Württemberg imsejħa "Milchwirtschaftlicher Verein Baden-Württemberg" (fil-każ tal-miżura BW 11).

(132) Skont il-Ġermanja, il-benefiċjarji tal-miżuri kienu l-azjendi agrikoli tal-produzzjoni tal-ħalib (il-produtturi tal-ħalib) li ħadu sehem fis-sistema ta' garanzija tal-kwalità msejħa "QM-Milch".

(133) Fil-każ tal-miżura BW 10, ġew issussidjati t-twettiq tal-awditi fl-azjendi tal-produzzjoni tal-ħalib u l-ispejjeż tal-ewwel ċertifikazzjoni (l-awditu introduttorju tar-razzett, u possibbilment awditu ta' segwitu) min-naħa ta' korp taċ-ċertifikazzjoni rrikonoxxut ([46]).

(134) Fil-każ tal-miżura BW 11, ġew issussidjati l-kompiti tal-għoti ta' informazzjoni u ta' pariri b'rabta mal-introduzzjoni tas-sistemi ta' garanzija tal-kwalità ([47]). Skont il-Ġermanja, dawn is-sussidji ngħataw lill-produtturi b'mod proporzjonat skont l-għadd ta' produtturi li kienu qed jissieħbu mas-sistema ta' garanzija tal-kwalità msejħa "QM-Milch".

(135) Skont il-Ġermanja, l-infiq totali kien ta' EUR 478 575. Ingħataw sussidju b'rabta mal-ewwel ċertifikazzjoni 4 500 produttur tal-ħalib fil-kuntest tas-sħubija fis-sistema ta' garanzija tal-kwalità. B'hekk intefqu EUR 106 għal kull benefiċjarju.

Il-miżura NI 1

(136) L-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju għall-introduzzjoni ta' sistema ta' garanzija tal-kwalità għall-produtturi tal-ħalib (iżda mhux għall-azjendi tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni). L-LVMN ingħatat l-inkarigu li timplimenta din il-miżura.

([42]) Is-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-ħalib imsejħa "Qualitätsmanagement Milch (QM-Milch)" hija standard nazzjonali minn negozju għal ieħor għall-produzzjoni tal-ħalib li tgħodd għall-produtturi tal-ħalib u għall-imħaleb, u li ġiet irrikonoxxuta bħala l-bażi taċ-ċertifikazzjoni għaċ-ċentri tat-testijiet.
([43]) Ara l-paragrafu 66 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.
([44]) Ara l-paragrafu 253 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.
([45]) p. 11.
([46]) Skont il-paġna 12 tal-kummenti tal-20 ta' Settembru 2013.
([47]) Skont il-paġna 12 tal-kummenti tal-20 ta' Settembru 2013.

(137) Skont il-kummenti tal-Ġermanja tal-20 ta' Settembru 2013 ([48]), fl-2001 sal-2005 ġew iffinanzjati miżuri ta' tħejjija għall-introduzzjoni tas-sistema ta' garanzija tal-kwalità msejħa "QM-Milch" (li kienu jikkonsistu l-iktar f'servizzi ta' konsulenza għall-bdiewa li riedu jissieħbu f'din is-sistema) u mill-2003 'l quddiem ġew iffinanzjati l-awditi tal-irziezet li saru fil-kuntest ta' dik is-sistema ta' garanzija tal-kwalità. Barra minn hekk, mill-2003 'l quddiem bdew jiġu iffinanzjati wkoll l-ispejjeż għall-koordinazzjoni tas-sistema ta' garanzija tal-kwalità u dawk għall-ħolqien ta' bażi tad-dejta.

(138) Fil-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja qalet ([49]) li l-għajnuna li ngħatat lil kull bidwi għas-servizzi ta' konsulenza kienet ta' 50 % tal-ispejjeż u kienet tammonta għal EUR 12,78 għal kull każ u, għalhekk, kienet inqas mil-limiti massimi msemmijin fil-punt 13.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. Fil-każ tal-awditi tal-irziezet li saru mill-2003 'l quddiem, l-għajnuna ngħatat b'intensità ta' 50 % tal-ispejjeż u kienet tammonta għal EUR 35 għal kull bidwi fuq perjodu ta' tliet snin.

(139) Il-Ġermanja kkonfermat li l-kontrolli li saru fil-kuntest tal-awditi tal-irziezet twettqu minn partijiet terzi jew f'isimhom. L-assoċjazzjoni ta' kontroll tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel imsejħa "Landeskontrollverband Niedersachsen" serviet bħala l-istituzzjoni indipendenti ta' kontroll.

Il-miżura TH 5

(140) Il-miżura ġiet introdotta fl-2004 ([50]). L-assoċjazzjoni tal-istat federali ta' Thüringen responsabbli mill-ispezzjonijiet tal-kwalità u tal-produzzjoni fil-qasam tat-trobbija tal-annimali msejħa "Thüringer Verband für Leistungs- und Qualitätsprüfungen in der Tierzucht" (fil-qosor "TVLEV") ingħatat l-inkarigu li timplimenta din il-miżura.

(141) Skont il-Ġermanja, id-dħul li nkiseb mill-imposta ntuża biex jitħallsu l-ispejjeż tal-ewwel ċertifikazzjoni, l-ispejjeż tal-awditu meħtieġ ta' reviżjoni wara tliet snin u l-ispejjeż għall-ħolqien ta' bażijiet tad-dejta u għaż-żamma tagħhom. Bejn l-2004 u l-2006, il-produtturi bbenefikaw mill-miżura biss għall-ewwel ċertifikazzjoni. B'rabta ma' dan, bħala medja kull produttur ingħata sussidju ta' madwar EUR 83.

(142) Il-benefiċjarji ta' din il-miżura kienu l-produtturi tal-ħalib.

3. **RAĠUNIJIET GĦALL-GĦOTI TA' BIDU GĦALL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(143) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni sabet li kienu ġew issodisfati r-rekwiżiti kollha għall-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat ([51]).

(144) Il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE minħabba li, abbażi tal-informazzjoni li kellha għad-dispożizzjoni tagħha dak iż-żmien, kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' ċerti sottomiżuri mas-suq intern (ara l-paragrafu (18) b'rabta ma' dan).

4. **KUMMENTI TAL-ĠERMANJA DWAR IL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(145) L-awtoritajiet Ġermaniżi bagħtu l-kummenti tagħhom lill-Kummissjoni fl-20 ta' Settembru 2013, fis-27 ta' Frar 2015 u fit-13 ta' Jannar 2017. Fid-deskrizzjoni tal-miżuri li ngħatat hawn fuq (ara l-punt 2 imsejjaħ "Deskrizzjoni tal-miżuri u kummenti min-naħa tal-awtoritajiet Ġermaniżi"), wieħed jista' jsib fil-qosor il-kummenti li bagħtu l-awtoritajiet Ġermaniżi dwar il-miżuri individwali.

5. **KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI DWAR IL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(146) Bejn is-6 ta' Frar u t-18 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni rċeviet għaxar settijiet ta' kummenti mingħand il-partijiet interessati dwar il-miżuri msemmijin f'din id-Deċiżjoni ([52]).

([48]) Skont il-paġna 50 tal-kummenti tal-20 ta' Settembru 2013.
([49]) p. 50.
([50]) Skont il-paġni 83 sa 84 tal-kummenti tal-20 ta' Settembru 2013.
([51]) Fit-Taqsima 3.3 tagħha.
([52]) Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti tal-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Niedersachsen e.V.", li tkellmet dwar il-miżuri kollha ffinanzjati mill-imposta fuq il-ħalib b'mod ġenerali u mhux dwar is-sottomiżuri msemmijin hawnhekk biss. Skont din l-assoċjazzjoni, dawn il-miżuri ma kienu jikkostitwixxu l-ebda għajnuna. Wieħed jista' jsib deskrizzjoni sħiħa ta' dawn il-kummenti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2432 tat-18 ta' Settembru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35484 (2013/C) (ex SA.35484 (2012/NN)) mogħtija mill-Ġermanja għal testijiet tal-kwalità tal-ħalib skont il-Liġi dwar il-Ħalib u x-Xaħam (notifikata bid-dokument C(2015) 6295) (ĠU L 334, 22.12.2015, p. 23).

(147) Fil-kummenti tagħha tas-6 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fit-13 ta' Frar 2014, l-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-ħalib tal-istat federali tal-Bavarja, imsejħa l-"Verband der Milcherzeuger Bayern e.V." (fil-qosor "VMB"), qalet li kienet sorpriża li, fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, tqajmu dubji dwar il-miżuri implimentati sal-2006 fil-kuntest tal-miżura BY 3 mil-lat tal-għajnuna mill-Istat, iżda ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għall-miżuri implimentati fil-kuntest tagħha mill-2007 'l quddiem. F'dan ir-rigward, il-VMB qalet li l-aspetti ewlenin tal-kompiti tagħha u l-mod kif taħdem ma kinux inbidlu mill-1954 'il hawn u li hi kien ilha tirċievi l-fondi mill-imposta fuq il-ħalib sa mill-1957. Fil-kummenti tagħha, il-VMB qalet ukoll li s-servizzi li hija toffri mhumiex "għajnuna teknika" għal impriżi individwali, iżda jittrattaw, fil-fatt, l-għoti ta' informazzjoni fattwali u teknika ġenerali, li hija aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha bl-istess mod.

(148) Fil-kummenti tagħha tal-4 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fis-6 ta' Frar, l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tar-reġjun ta' Allgäu-Schwaben, imsejħa "Milchwirtschaftliche Verein Allgäu-Schwaben e.V." (fil-qosor "MV"), qalet li, fil-każ tal-miżura BY 10, l-għan tagħha kien li l-gvernijiet u istituzzjonijiet oħrajn jingħataw tagħrif u tagħrif espert dwar suġġetti relatati mal-ħalib (pereżempju dwar il-liġijiet dwar l-ikel). Għal dan il-għan, il-persunal tal-MUVA jingħata aċċess għal informazzjoni rilevanti għal dan is-settur, iħejji din l-informazzjoni u jgħaddiha lil ħaddieħor (b'mod speċjali lill-awtoritajiet ikkonċernati, fil-forma ta' kummenti, taħditiet u pubblikazzjonijiet). Minbarra l-bullettini tal-aħbarijiet tal-MUVA, li jintbagħtu mal-gazzetta tal-imħaleb Ġermaniżi msejħa "Deutsche Molkereizeitung", jitqassmu wkoll kontribuzzjonijiet rilevanti għat-tixrid tal-informazzjoni dwar l-iżgurar tal-kwalità (pereżempju dwar l-iġjene u dwar is-sikurezza tal-produzzjoni). Skont l-MV, din hija attività globali li r-riżultati tagħha ma jibbenefikawx minnhom l-impriżi individwali, iżda jingħaddew b'mod speċjali lil ċerti awtoritajiet għall-għanijiet tat-taħriġ.

(149) L-assoċjazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib tal-istat federali ta' Hessen imsejħa "Landesvereinigung für Milch und Milcherzeugnisse Hessen e.V." (fil-qosor "LVMH") bagħtet il-kummenti tagħha dwar il-miżuri li hija implimentat (jiġifieri l-miżuri HE 2, HE 3 u HE 9) lill-Kummissjoni permezz ta' ittra tal-4 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fil-11 ta' Frar 2014. L-ewwel nett, hija qalet li, għall-kuntrarju ta' dak li stqarret il-Kummissjoni fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, mill-miżuri kkonċernati ma bbenefikawx biss l-imħaleb, iżda bbenefikat l-industrija kollha tal-ħalib. L-LVMH ikkummentat dwar il-kontenut tal-miżura HE 3 u qalet li l-ħidma mal-pubbliku inġenerali ffukat fuq l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi u l-edukazzjoni tagħhom, u li din l-edukazzjoni twettqet b'mod newtrali li kien indipendenti mill-imħaleb.

B'rabta mal-miżura HE 2, li kienet miżura għat-taħriġ għall-produtturi mogħti mit-tim tal-innovazzjoni msejħa "Fortbildung für Erzeuger durch das Innovationsteam", l-LVMH qalet li din kienet tiffoka fuq it-trasferiment tal-għarfien. L-informazzjoni attwali u r-riżultati tal-istudji attwali nġabru flimkien u tħejjew għall-bdiewa u wara ngħaddewlhom permezz ta' taħditiet, konferenzi tekniċi u taħriġ.

Il-miżuri HE 2 u HE 9 iffinanzjaw avvenimenti speċjali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għall-bdiewa, għall-bdiewa żgħażagħ u għall-impjegati li jaħdmu fil-qasam tal-biedja, u l-bdiewa kollha u l-impjegati kollha li jaħdmu fil-qasam tal-biedja kellhom il-possibbiltà jattendu għal dan it-taħriġ bl-istess kundizzjonijiet.

(150) Fl-ittri tagħhom tas-6 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fl-10 ta' Frar 2014 u fil-11 ta' Frar 2014 rispettivament, l-assoċjazzjoni ta' kontroll tal-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen imsejħa "Landeskontrollverband Nordrhein-Westfalen e.V." u l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Nordrhein-Westfalen e.V." qablu għalkollox mal-kummenti li l-Ġermanja għamlet fl-20 ta' Settembru 2013 b'rabta mal-miżuri li ġew implimentati fl-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen.

(151) Bl-istess mod, fl-ittra li bagħtu flimkien fis-6 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fil-11 ta' Frar 2014, l-għaqdiet agrikola ta' Rheinland u ta' Westfalen-Lippe, imsejħin "Rheinische Landwirtschafts-Verband e.V." u "Westfälisch-Lippische Landwirtschaftsverband e.V." rispettivament, ukoll qablu mal-kummenti li l-Ġermanja għamlet fl-20 ta' Settembru 2013 b'rabta mal-miżura NW 5.

(152) Fl-ittra tagħha tas-6 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fil-11 ta' Frar 2014, l-assoċjazzjoni tal-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen imsejħa "Landesvereinigung Thüringer Milch e.V." qablet għalkollox mal-kummenti li l-Ġermanja għamlet fl-20 ta' Settembru 2013 b'rabta mal-miżuri li ġew implimentati fl-istat federali ta' Thüringen.

(153) Fil-kummenti tiegħu tal-10 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fl-14 ta' Frar 2014, il-grupp ta' ħidma tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Rheinland-Pfalz imsejjaħ "Milchwirtschaftliche Arbeitsgemeinschaft Rheinland-Pfalz e.V." (fil-qosor "MILAG") qal li l-miżura RP 1 kienet miżura ta' natura ġenerali. Din il-miżura tittratta l-informazzjoni dwar il-ħalib bħala prodott tal-ikel b'mod ġenerali u l-għan tagħha ma kienx li l-konsumaturi jinżammu milli jixtru l-prodotti tal-ħalib ta' Stati Membri oħrajn. Barra minn hekk, il-miżura ma

kienet tippromwovi l-ebda marka jew prodott individwali ta' xi impriża partikulari jew ta' xi produttur individwali partikulari. Għalhekk, skont il-MILAG, din il-miżura ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Għall-kuntrarju, fil-kummenti tiegħu dwar din il-miżura, il-MILAG qal li, fi kwalunkwe każ, din kienet tikkonforma fis-sustanza tagħha mar-rekwiżiti tal-linji gwida Komunitarji li kienu japplikaw dak iż-żmien u li, fil-prinċipju, din tista' titqies bħala forma ta' għoti ta' għajnuna teknika skont il-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. B'mod speċjali, fil-prinċipju, il-miżura kienet miftuħa għall-konsumaturi kollha u, b'hekk, kienet miftuħa wkoll għall-operaturi kollha tas-suq tas-settur tal-ħalib. Din kienet biss miżura ta' edukazzjoni tal-konsumaturi u ma kienet toffri l-ebda appoġġ lill-impriżi tal-ipproċessar tal-ħalib, iżda kienet tipprovdi informazzjoni ġenerali lill-konsumaturi.

B'rabta mal-miżura RP 2, il-MILAG huwa tal-fehma li, permezz tar-rekwiżit addizzjonali ta' finanzjament li s-sussidju jista' jingħata biss għall-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari, ġew issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-miżura RP 5, il-MILAG qal li l-għan tal-miżura kien li tagħti servizzi ta' konsulenza speċjali dwar il-proċeduri tal-ħlib lill-produtturi tal-ħalib ikkonċernati skont il-bżonn. Kull produttur tal-ħalib fl-istat federali ta' Rheinland-Pfalz seta' jibbenefika minn din l-offerta u ma kienx hemm bżonn li wieħed ikun membru tal-assoċjazzjoni ta' kontroll tal-istat federali, li kienet il-fornitur tas-servizzi ta' konsulenza f'dan il-każ, biex jibbenefika minnhom. Is-servizzi ta' konsulenza li kienu għadhom għaddejjin jew li jintalbu f'intervalli regolari taż-żmien kienu esklużi mill-finanzjament u ma sar l-ebda pagament dirett lill-bdiewa. B'hekk, il-miżura kienet kompatibbli mar-regoli għall-għajnuna mill-Istat anki fil-każ tal-perjodu mit-28 ta' Novembru 2001 sal-31 ta' Diċembru 2006. Barra minn hekk, skont il-MILAG, il-finanzjament tas-servizzi ta' konsulenza skont it-tielet inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 ma kienx marbut mat-tixrid ta' metodi ġodda. Il-MILAG żgura wkoll li l-għajnuna li ngħatat b'kollox ma qabżitx l-ammont ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin. Bħala medja, kull sena kull benefiċjarju ngħata EUR 197.

(154) Fil-kummenti tagħha tas-6 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rreġistrat li waslulha fit-18 ta' Frar 2014, l-assoċjazzjoni għall-ittestjar tal-ħalib tal-istat federali ta' Baden-Württemberg imsejħa "Milchprüfring Baden-Württemberg" (fil-qosor "MPBW") qalet li l-miżura BW 10 ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li, fi kwalunkwe każ, ma kienx hemm preferenzi marbutin magħha.

(155) Fl-ittra tagħha tas-6 ta' Frar 2014, li l-Kummissjoni rċeviet fis-7 ta' Frar 2014, l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib ta' Baden-Württemberg imsejħa "Milchwirtschaftlicher Verein Baden-Württemberg e.V." (fil-qosor "MVBW") qablet mal-kummenti tal-MPBW b'rabta mal-miżuri BW4 u BW 11 u qalet li anki dawn iż-żewġ miżuri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u li, fi kwalunkwe każ, ma kienx hemm preferenzi marbutin magħhom.

6. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI

6.1. L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat – l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE

(156) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

6.1.1. *Għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat*

(157) L-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li l-miżuri msemmijin f'din id-Deċiżjoni ġew iffinanzjati biss mill-imposta fuq il-ħalib (ara l-paragrafu 26).

(158) Ir-riżorsi mill-imposta fuq il-ħalib huma riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(159) Skont il-każistika stabbilita, ma tistax issir distinzjoni dwar jekk għajnuna ngħatatx direttament mill-Istat jew minn korp pubbliku jew privat li l-Istat ikun ħatar jew ħoloq għal dan il-għan ([53]). Madankollu, biex il-benefiċċji li jingħataw ikunu jistgħu jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, dawn iridu, l-ewwel nett, ikunu ngħataw, direttament jew indirettament, mir-riżorsi tal-Istat u, t-tieni nett, iridu jkunu jistgħu jiġu attribwiti lill-Istat ([54]).

(160) F'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri deskritti hawn fuq, jidher li l-appoġġ ingħata abbażi ta' liġi federali, li hija l-MFG, filwaqt li ġew applikati d-dispożizzjonijiet ġuridiċi tal-istati federali.

([53]) Il-paragrafu 23 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Novembru 2003 fil-kawża C-126/01, Ministère de l'Économie, des Finances et de l'Industrie *vs* GEMO SA, bl-identifikatur EU:C:2003:622.

([54]) Il-paragrafu 24 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Novembru 2003 fil-kawża C-126/01, Ministère de l'Économie, des Finances et de l'Industrie *vs* GEMO SA, bl-identifikatur EU:C:2003:622 fil-Ġabra tal-ġurisprudenza 2003 I-13769.

(161) B'mod speċifiku, it-Taqsima 22(1) tal-MFG tipprevedi li l-gvernijiet tal-istati federali, li jaġixxu f'konsultazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-istat federali jew mal-organizzazzjonijiet professjonali, jistgħu jiġbru imposti, b'mod konġunt magħhom, mingħand l-imħaleb, iċ-ċentri tal-ġbir tal-ħalib u l-produtturi tal-kremi sabiex jippromwovu l-industrija tal-ħalib.

(162) Skont it-tieni sentenza tat-Taqsima 22(1) tal-MFG, jekk l-assoċjazzjoni tal-istat federali jew l-organizzazzjonijiet professjonali jitolbuhom jagħmlu dan, il-gvernijiet tal-istati federali jistgħu jiġbru, b'mod konġunt magħhom, imposti sa 0,2 ċenteżmi għal kull kilogramm ta' ħalib ikkonsenjat. Għalhekk, huwa ċar li huma l-gvernijiet tal-istati federali li huma responsabbli għal dan il-ġbir.

(163) Il-bażi ġuridika għall-ġbir ta' imposta fuq il-ħalib fl-istati federali individwali tinsab fir-regolamenti korrispondenti tal-istati federali li jirregolaw l-arranġamenti ddettaljati għall-ġbir tal-imposta, fosthom l-ammont tagħha. B'hekk huma l-gvernijiet tal-istati federali u, għaldaqstant, l-istat, li jirregolaw il-ġbir ta' imposta fuq il-ħalib. Il-fatt li r-regolamenti kkonċernati nħarġu f'konsultazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib rispettiva tal-istat federali partikulari ma jbiddel xejn minn dan ([55]).

(164) F'dan il-każ, tinġabar imposta mingħand impriżi privati (mingħand l-imħaleb, iċ-ċentri tal-ġbir tal-ħalib u l-produtturi tal-kremi). Id-dħul minn din l-imposta jmur fil-baġit tal-istat federali rispettiv, qabel ma jintuża biex jiġu ffinanzjati d-diversi miżuri ta' appoġġ. Għalhekk, dan jitqies li huwa fil-kontroll tal-Istat ([56]).

(165) Dan ifisser li l-miżuri ffinanzjati mir-riżorsi mill-imposta fuq il-ħalib ġew iffinanzjati mir-riżorsi tal-Istat u jistgħu jiġu attribwiti lill-Istat.

6.1.2. *Vantaġġ selettiv/impriżi*

(166) L-ispejjeż bħall-ispejjeż tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-ispejjeż tas-servizzi ta' konsulenza, l-ispejjeż għall-materjal tal-informazzjoni fil-kuntest tal-ħidma mal-pubbliku inġenerali u l-ispejjeż għall-parteċipazzjoni fil-fieri u fil-kompetizzjonijiet huma spejjeż li impriża għandha tħallas hi stess fil-kuntest tal-attivitajiet kummerċjali normali tagħha. Dan jgħodd ukoll għall-infiq marbut mal-produzzjoni u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja. Jekk ċerti impriżi jiġu eżentati milli jħallsu dawn l-ispejjeż kollha, jew parti minnhom, dawn ikunu ngħataw vantaġġ fuq impriżi oħrajn li ma jkunux ġew eżentati.

(167) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-sottomiżuri kkonċernati jiffavorixxu lill-produtturi tal-ħalib u lill-imħaleb.

(168) Fl-ittra tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja għall-bidu qalet li ċerti miżuri msemmijin fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, jew minħabba li ma kienu joffru l-ebda vantaġġ konkret lil impriżi individwali (ara l-paragrafu (33) b'rabta mal-miżura BY 3), jew minħabba li l-għan tagħhom ma kienx li jittrasferixxu l-għarfien lill-produtturi tal-ħalib jew lill-imħaleb (ara l-paragrafu (39) b'rabta mal-miżura BY 10), jew minħabba li ma kienu jiffavorixxu lill-ebda impriża individwali jew lill-ebda settur individwali tal-industrija (ara l-paragrafi 44, 60, 73, 80 u 88 b'rabta mal-miżuri BW 4, HE 3, NI 7, NW 4 u NW 5, RP 1 u SL 2), jew minħabba li ma kinux jagħmlu preferenzi potenzjali abbażi ta' selettività ġeografika u sostantiva (ara l-paragrafi 80 u 83 b'rabta mal-miżuri NW 4 u NW 5 u NW 6 rispettivament).

(169) Barra minn hekk, fil-kummenti tagħhom tas-6 ta' Frar 2014, l-MPBW u l-MVBW qalu li, fil-każ tal-miżuri BW 10 u BW 4 u BW 11 rispettivament, ma kienx hemm preferenzi marbutin magħhom (ara l-paragrafi 154 u 155 rispettivament).

(170) Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li, fil-każ tal-miżuri msemmijin hawn fuq ukoll, fl-aħħar mill-aħħar minnhom ibbenefika s-settur tal-ħalib, u b'hekk il-produtturi tal-ħalib u l-imħaleb, li għandhom jitqiesu bħala impriżi.

(171) Fil-każ tal-miżura BY 3, il-Kummissjoni tqis li, anke jekk din kellha fil-mira tagħha lill-pubbliku inġenerali, fl-aħħar mill-aħħar minnha bbenefika s-settur tal-ħalib, minħabba li s-suppożizzjoni kienet li din kien se jkollha effett pożittiv fuq il-konsum tal-ħalib.

(172) Fil-kummenti tagħha tal-4 ta' Frar 2014, l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tar-reġjun ta' Allgäu-Schwaben, imsejħa "Milchwirtschaftliche Verein Allgäu-Schwaben" semmiet li, fil-każ tal-miżura BY 10, il-bullettin tal-aħbarijiet tal-MUVA kien jintbagħat mal-gazzetta tal-imħaleb Ġermaniżi msejħa "Deutsche Molkereizeitung" u li, barra minn hekk, kienu jixxerrdu artikli adattati li fihom tingħata informazzjoni dwar l-iżgurar tal-kwalità (ara l-paragrafu 148). Għalhekk il-Kummissjoni hija tal-fehma li, anke fil-każ tal-miżura BY 10, jenħtieġ li jitqies bħala benefiċjarju s-settur kollu tal-ħalib, jiġifieri l-produtturi tal-ħalib u l-imħaleb.

([55]) Pereżempju, fil-każ tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel, ir-Regolament tas-26 ta' Novembru 2004 dwar il-ġbir ta' imposta fil-qasam tal-industrija tal-ħalib, imsejjaħ "Verordnung über die Erhebung einer Umlage auf dem Gebiet der Milchwirtschaft vom 26. November 2004" (ippubblikat fil-paġna 519 tal-Gazzetta Uffiċjali tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel Nru 36/2004), li ġie emendat bl-Artikolu 6 tar-Regolament tat-22 ta' Diċembru 2005 (ippubblikat fil-paġna 475 tal-Gazzetta Uffiċjali tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel Nru 31/2005).

([56]) Il-paragrafi 32, 35 u 38 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Mejju 2013 fil-kawża C-677/11, Doux Élevage SNC u Coopérative agricole UKL-ARREE *vs* Ministère de l'Agriculture, de l'Alimentation, de la Pêche, de la Ruralité et de l'Aménagement du territoire u Comité interprofessionnel de la dinde française (CIDEF), bl-identifikatur EU:C:2013:348.

(173) B'rabta mal-miżuri BW 4, HE 3, NI 7, NW 4 u NW 5, RP 1 u SL 2, il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-tixrid tal-għarfien xjentifiku attwali dwar il-karatteristiċi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, l-organizzazzjoni ta' kampanji, ta' avvenimenti ta' informazzjoni u ta' azzjonijiet ta' edukazzjoni ġenerali tal-konsumaturi, l-avvenimenti għall-iskambju tal-għarfien bejn il-produtturi u l-miżuri ġenerali ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-ħalib ukoll għandhom jitqiesu bħala għajnuna teknika li minnha bbenefika s-settur kollu tal-ħalib.

(174) Fil-każ tal-miżuri BW 10 u BW 11 ukoll, il-Kummissjoni hija tal-fehma li minn dawn ibbenefikaw l-azjendi agrikoli tal-produzzjoni tal-ħalib li ħadu sehem fis-sistema ta' garanzija tal-kwalità msejħa "QM-Milch".

(175) Barra minn hekk, dawn il-miżuri kienu selettivi minħabba li minnhom ibbenefika biss settur ekonomiku wieħed (jiġifieri l-industrija tal-ħalib).

6.1.3. *Tfixkil tal-kompetizzjoni u effetti fuq il-kummerċ*

(176) Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tisħiħ tal-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża permezz tal-għoti ta' għajnuna mill-Istat ġeneralment ifixkel il-kompetizzjoni ma' impriżi oħrajn li jkunu qed jikkompetu magħha u li ma jkunux ibbenefikaw minn din l-għajnuna ([57]). Kull għajnuna lil impriża li topera f'suq miftuħ għall-kummerċ fl-Unjoni tista' taffettwa ħażin il-kummerċ bejn l-Istati Membri ([58]). Fl-Unjoni, bejn l-2001 u l-2012 kien hemm kummerċ sostanzjali ta' prodotti agrikoli. Pereżempju, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti li jidħlu fl-intestatura 0401 tan-Nomenklatura Magħquda (Ħalib u krema, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu) ([59]), kienu jiswew EUR 1,2 biljun u EUR 957 miljun rispettivament fl-2011 ([60]).

(177) Mill-miżuri vvalutati f'din id-Deċiżjoni bbenefikaw il-produtturi tal-ħalib u l-imħaleb, li, b'ħekk, saħħew il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom. Kif ġie deskritt diġà fil-paragrafu 176, isir kummerċ fl-Unjoni tal-prodotti tal-imħaleb u tal-produtturi tal-ħalib. Għalhekk il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżuri kkonċernati jfixklu l-kompetizzjoni jew jistgħu jfixkluha u li dawn jaffettwaw ħażin il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(178) B'ħekk, ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Għalhekk jista' jiġi konkluż li dawn il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' dak l-Artikolu.

6.2. **Il-legalità tal-għajnuna**

(179) Skont l-Artikolu 108(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha teżamina kostantement mal-Istati Membri s-sistemi kollha ta' għajnuna li jeżistu. Għal dan il-għan, hija tista' titlob lill-Istati Membri jibagħtulha l-informazzjoni kollha li jkollha bżonn biex teżamina l-iskemi ta' għajnuna li jeżistu u, jekk ikun meħtieġ, toħroġ rakkomandazzjoni dwar il-miżuri x-xierqa li għandhom jittieħdu.

(180) Skont l-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, l-għajnuna eżistenti tfisser l-għajnuna kollha li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-TFUE fl-Istati Membri rispettivi u li jkun għadha tgħodd wara d-dħul fis-seħħ ta' dak it-Trattat.

(181) Madankollu, skont l-Artikolu 1(c) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, kull bidla fl-għajnuna eżistenti tagħmilha "għajnuna ġdida". Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([61]), bidla fl-għajnuna eżistenti tfisser "xi bidla, minbarra modifikazzjonijiet ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma jistgħux jeffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura tal-għajnuna mas-suq komuni".

(182) Skont il-każistika ([62]), skema oriġinali tinbidel fi skema ġdida tal-għajnuna biss f'każ li l-bidla taffettwa l-elementi essenzjali tal-iskema oriġinali; madankollu, ma nistgħux nitkellmu dwar bidla sostanzjali ta' dan it-tip meta l-element il-ġdid ikun jista' jiġi sseparat b'mod ċar mill-iskema oriġinali.

(183) Skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata b'kull għajnuna ġdida u din l-għajnuna ma tistax tiddaħħal fis-seħħ qabel ma tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni (l-obbligu ta' waqfien totali).

([57]) Il-paragrafi 11 sa 12 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980 fil-kawża 730/79, Philip Morris Holland BV *vs* il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, bl-identifikatur EU:C:1980:209.

([58]) Ara b'mod speċjali l-paragrafu 19 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1988 fil-kawża 102/87, Ir-Repubblika Franċiża *vs* il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, bl-identifikatur ECLI:EU:C:1988:391.

([59]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 tad-9 ta' Ottubru 2012 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 304, 31.10.2012, p. 1).

([60]) *Sors*: l-Eurostat.

([61]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2015/1589 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([62]) Il-paragrafu 111 tas-Sentenza tal-Qorti tat-30 ta' April 2002 fil-Każijiet Magħquda T-195/01 u T-207/01, Government of Gibraltar *vs* il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, bl-identifikatur EU:T:2002:111.

(184) Skont l-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, għajnuna ġdida li tiddaħħal fis-seħħ f'kontravenzjoni tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE hija għajnuna kontra l-liġi.

(185) Abbażi tal-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam u fil-kuntest tas-setgħat li ngħatawlhom, l-istati federali adottaw miżuri ta' implimentazzjoni li jiffurmaw il-bażi ġuridika tal-miżuri vvalutati f'din id-Deċiżjoni. Għalkemm il-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam, li sservi ta' qafas għall-iskemi ta' għajnuna kkonċernati, daħlet fis-seħħ fl-1952 ([63]), l-iskemi individwali ġew implimentati permezz tar-regoli ta' implimentazzjoni korrispondenti tal-istati federali kkonċernati biss wara l-1958 ([64]).

(186) B'hekk, il-miżuri msemmijin f'din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu għajnuna ġdida skont l-Artikolu 1(c) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589.

(187) Il-Ġermanja qatt ma ddikjarat l-iskemi tal-għajnuna inkwistjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Għalhekk dawn l-iskemi jmorru kontra l-liġi.

6.3. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern**

(188) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, l-għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' tkun ikkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

(189) Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-għajnuna illegali mill-Istat ([65]), kull għajnuna illegali mill-Istat għandha tiġi vvalutata skont ir-regoli applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna.

(190) Mill-1 ta' Jannar 2000 'il quddiem bdew japplikaw linji gwida speċifiċi għas-settur agrikolu. L-għajnuna li ngħatat bejn it-28 ta' Novembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2006 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006") għandha tiġi vvalutata skont il-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(191) L-għajnuna li ngħatat mill-1 ta' Jannar 2007 'l quddiem (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-perjodu mill-2007 'l quddiem") għandha tiġi vvalutata skont il-Linji gwida għall-2007 sal-2013.

(192) Il-perjodu mit-28 ta' Novembru 2001 'il quddiem minn hawn 'il quddiem se jibda jissejjaħ "il-perjodu ta' investigazzjoni".

(193) Abbażi tal-effett ta' sospensjoni tal-proċedura ewlenija ta' eżami skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni qed teżamina l-miżuri msemmijin f'din id-Deċiżjoni sas-17 ta' Lulju 2013, li hija l-ġurnata meta l-Kummissjoni avżat lill-Ġermanja bid-Deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE (ara l-paragrafu 3).

6.3.1. *L-għoti ta' għajnuna teknika fis-settur agrikolu fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006*

(194) Il-miżuri li twettqu bejn l-2001 u l-2006 u li kellhom l-għan li jagħtu għajnuna teknika fis-settur agrikolu jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

([63]) Ara l-premessa 17.

([64]) Fil-każ tal-Bavarja, ir-Regolament tat-30 ta' Ġunju 1983 dwar imposta fuq il-ħalib imsejjaħ "Verordnung über eine Umlage für Milch vom 30. Juni 1983" (ippubblikat fil-paġna 547 tal-GVBL); fil-każ ta' Baden-Württemberg, ir-Regolament tat-18 ta' Mejju 2004 dwar il-ġbir ta' imposta mingħand l-industrija tal-ħalib imsejjaħ "Verordnung über die Erhebung von milchwirtschaftlichen Umlagen vom 18. Mai 2004" (ippubblikat fil-paġni 350 u 355 tal-GBl.); fil-każ ta' Nordrhein-Westfalen, ir-Regolament tat-30 ta' Novembru 1965 dwar imposti biex tiġi appoġġata l-industrija tal-ħalib imsejjaħ "Verordnung über Umlagen zur Förderung der Milchwirtschaft vom 30. November 1965" (ippubblikat fil-paġna 349 tal-GV. NW. 1965); fil-każ ta' Rheinland-Pfalz, pereżempju, ir-Regolament tal-istat federali tas-16 ta' Awwissu 1960 li jimplimenta l-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam imsejjaħ "Landesverordnung zur Durchführung des Milch- und Fettgesetzes vom 16. August 1960" (ippubblikat fil-paġna 218 tal-GVBl., BS 7842-2); fil-każ ta' Brandenburg, ir-Regolament tal-5 ta' Diċembru 1992 li jimplimenta s-setgħat delegati skont il-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam imsejjaħ "Verordnung zur Übertragung der Ermächtigungen zum Erlass von Rechtsverordnungen nach dem Milch- und Fettgesetz (ÜErmVO) vom 5. Dezember 1992" (ippubbikat fil-paġna 764 tal-GVBl.II/92, [Numru 72]); fil-każ ta' Hessen, ir-Regolament tal-1 ta' Diċembru 1981 dwar il-ġbir ta' imposta biex tiġi appoġġata l-industrija tal-ħalib imsejjaħ "Verordnung über die Erhebung einer Umlage zur Förderung der Milchwirtschaft vom 1. Dezember 1981" (ippubblikat fil-paġna 427 tal-GVBl. I 1981); fil-każ ta' Saarland, ir-Regolament tad-9 ta' Diċembru 1982 dwar il-ġbir ta' imposta fil-qasam tal-industrija tal-ħalib, imsejjaħ "Verordnung über die Erhebung einer Umlage auf dem Gebiet der Milchwirtschaft vom 9. Dezember 1982" (ippubblikat fil-paġna 1007 tal-Gazzetta Uffiċjali msejħa "Amtsblatt" tal-1982); fil-każ ta' Thüringen, ir-Regolament ta' Thüringen tad-29 ta' Diċembru 1999 dwar il-ġbir ta' imposta biex tiġi appoġġata l-industrija tal-ħalib imsejjaħ "Thüringer Verordnung über die Erhebung einer Umlage zur Förderung der Milchwirtschaft vom 29. Dezember 1999", fil-verżjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2001 (ippubblikat fil-paġna 20 tal-GVBl. tal-2000). Fis-Sassonja t'Isfel, l-imposta fuq il-ħalib ġiet implimentata permezz tad-Digriet tas-6 ta' Lulju 1951 dwar il-ġbir ta' imposta fil-qasam tal-industrija tal-ħalib u tax-xaħam, imsejjaħ "Anordnung über die Erhebung einer Umlage auf dem Gebiet der Milch- und Fettwirtschaft vom 6. Juli 1951", fil-verżjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 1952 (ippubblikat fil-paġna 689 tal-Gazzetta Uffiċjali tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel, Sb. I). Madankollu, fil-perjodu taż-żmien rilevanti għall-għanijiet tal-għajnuna mill-Istat, l-imposta kienet tingħabar abbażi tar-Regolament tat-22 ta' Mejju 1973 dwar il-ġbir ta' imposta fil-qasam tal-industrija tal-ħalib, imsejjaħ "Verordnung über die Erhebung einer Umlage auf dem Gebiet der Milchwirtschaft vom 22. Mai 1973" (ippubblikat fil-paġna 179 tal-Gazzetta Uffiċjali tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel), filwaqt li l-użu tar-riżorsi mill-imposta kien irregolat mil-Linji gwida tat-8 ta' Novembru 1985 tal-istat federali dwar l-għoti ta' għotjiet biex tiġi appoġġata l-industrija tal-ħalib fl-istat federali tas-Sassonja t'Isfel skont it-Taqsima 22(2) tal-liġi dwar il-ħalib u x-xaħam, imsejħin "Landes-Richtlinie über die Gewährung von Zuwendungen zur Förderung der Milchwirtschaft in Niedersachsen nach § 22, Abs. 2 Milch- und Fettgesetz vom 8 November 1985" (ippubblikati fil-Gazzetta Ministerjali tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel Nru 43/1985).

([65]) ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

(195) Skont il-punt 14.1, l-ispejjeż eliġibbli għall-għajnuna jinkludu, fost l-oħrajn, l-ispejjeż għall-programmi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-ispejjeż għall-għoti ta' servizzi ta' ġestjoni tal-azjendi agrikoli, il-miżati għas-servizzi ta' konsulenza, l-ispejjeż għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, ta' wirjiet u ta' fieri, fosthom l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni fihom, u l-ispejjeż għal attivitajiet oħrajn għat-tixrid ta' metodi ġodda ([66]). Skont il-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, it-tali għajnuna tista' tingħata b'rata ta' 100 % tal-ispejjeż.

(196) Skont il-punt 14.2, l-għajnuna trid tkun aċċessibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi eliġibbli kollha fiż-żona kkonċernata abbażi ta' kriterji ddefiniti b'mod oġġettiv.

(197) Skont il-punt 14.3, jenħtieġ li l-għajnuna li għandha tingħata b'kollox ma taqbiżx l-ammont ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin jew, jekk l-għajnuna tkun se tingħata lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, 50 % tal-ispejjeż eliġibbli, skont liema minnhom ikun l-ikbar. Biex jiġi kkalkulat l-ammont tal-għajnuna, il-benefiċjarju jitqies li huwa l-persuna li jkun uża t-tali servizzi.

(198) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, fil-każ tal-miżuri msemmijin hawn taħt, id-dispożizzjonijiet tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 jgħoddu bl-istess mod għall-għajnuna mogħtija għall-attivitajiet marbutin mal-produzzjoni (primarja), kif ukoll għal dawk marbutin mal-ipproċessar u mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Dan ġej kemm mill-kliem tal-punt 2.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, kif ukoll mill-fatt li l-punt 14 stess tagħhom ma jipprevedi l-ebda restrizzjoni ta' dan it-tip.

(199) Il-Kummissjoni tassumi li t-tali miżuri jikkontribwixxu għall-vijabbiltà ekonomika ta' dan is-settur fit-tul, filwaqt li jaffettwaw b'mod limitat ħafna l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni (it-tieni sentenza tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006).

(200) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' ċerti miżuri mas-suq intern fil-perjodu rilevanti ([67]).

Il-miżura BY 3

(201) L-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-ħalib, imsejħa l-"Verband der Milcherzeuger e.V." (fil-qosor "VMB"), ingħatat fondi għall-ġbir ta' informazzjoni ġenerali fattwali u teknika, kif ukoll għall-pubblikazzjoni u għall-għoti ta' informazzjoni ġenerali dwar suġġetti relatati mal-industrija tal-ħalib. Fil-każ tal-għajnuna li ngħatat japplikaw ir-regoli dwar l-għoti ta' għajnuna teknika.

(202) L-ispejjeż issussidjati (għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku kif ukoll għat-tħejjija ta' informazzjoni fattwali dwar is-sistemi tal-kwalità (ara l-paragrafu 32 ta' din id-Deċiżjoni)) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fil-punt 14.1.

(203) Il-miżura kienet miftuħa għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi eliġibbli kollha fiż-żona kkonċernata u l-għotjiet kienu ta' inqas minn EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin (ara l-paragrafu 35 flimkien mal-paragrafu 37 ta' din id-Deċiżjoni). B'hekk intlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punti 14.2 u 14.3.

(204) B'hekk, tħarsu r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura BY 10

(205) Fil-każ tal-għajnuna li ngħatat għall-għoti ta' tagħrif u ta' tagħrif espert dwar suġġetti relatati mal-ħalib japplikaw ir-regoli dwar l-għoti ta' għajnuna teknika.

(206) L-ispejjeż issussidjati (għat-tixrid tal-informazzjoni fil-forma ta' kummenti, taħditiet u pubblikazzjonijiet (ara l-paragrafu 148) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fil-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(207) Din hija miżura ġenerali ta' għoti ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-industrija tal-ħalib li kienet miftuħa għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi eliġibbli kollha fiż-żona kkonċernata. Mill-ispejjeż annwali totali għall-miżuri BY 3 u BY 10 li qalu li kien hemm l-awtoritajiet Ġermaniżi (ara l-paragrafu 41), jidher li, fi kwalunkwe każ, l-għotjiet ma qabżux l-ammont ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin. B'hekk, tħarsu r-rekwiżiti tal-punti 14.2 u 14.3.

(208) B'hekk, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

([66]) Il-verżjoni tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 bil-Ġermaniż fiha lista eżawrjenti tal-ispejjeż eliġibbli. Madankollu, il-verżjoni ta' dawn il-Linji gwida bl-Ingliż, li hija l-lingwa li biha ġew abbozzati oriġinarjament, tagħti dawn l-ispejjeż eliġibbli bħala eżempji u mhux bħala lista eżawrjenti. Dan jgħodd ukoll għall-verżjoni tagħhom bil-Franċiż.

([67]) Fil-paragrafi 235 sa 236 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ. Għal dan il-għan, fil-paragrafu 236 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni rreferiet għall-verżjoni tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 bil-Ġermaniż, u argumentat li, skont il-punt 14.1, setgħet tingħata għajnuna għat-tixrid ta' metodi ġodda biss (ara n-nota 72 f'qiegħ il-paġna b'rabta ma' dan).

Il-miżura BW 4

(209) Il-miżuri servew biex jixxerred b'mod ġenerali u wiesa' l-għarfien xjentifiku attwali dwar il-karatteristiċi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib. Huma għandhom jitqiesu bħala għajnuna teknika li minnha bbenefika s-settur kollu tal-ħalib. L-ispejjeż issussidjati (ara l-paragrafu 42) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(210) Il-miżuri ma kinux limitati għal grupp partikulari, iżda kienu aċċessibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi eliġibbli kollha fiż-żona kkonċernata abbażi ta' kriterji ddefiniti b'mod oġġettiv (ara l-paragrafu 46). B'hekk intlaħqu l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006. L-ammont tal-għotja kien inqas mil-limitu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin stabbilit fil-punt 14.3 (ara l-paragrafu 46). B'hekk, tħarsu r-rekwiżiti msemmijin fil-punt 14.3.

(211) B'hekk, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura BB 1

(212) Fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006, l-istat federali ta' Brandenburg iffinanzja l-ispejjeż tas-servizzi ta' konsulenza fil-kuntest tal-miżura għat-titjib tal-iġjene msejħa "Verbesserung der Hygiene". F'din il-miżura l-enfasi kienet fuq is-saħħa tal-annimali, it-titjib tal-iġjene tal-ħlib u l-kwalità tal-ħalib mhux ipproċessat u l-analiżi tal-kwistjonijiet li jtellfu mill-prestazzjoni.

(213) B'hekk, din il-miżura tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 (li jittratta l-għoti ta' għajnuna teknika). L-ispejjeż issussidjati (għas-servizzi ta' konsulenza) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(214) Fl-ittra tagħhom tas-27 ta' Frar 2015, l-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li, fil-prinċipju, il-produtturi kollha tal-ħalib tal-istat federali kellhom il-possibbiltà li jużaw is-servizzi ta' konsulenza kkonċernati (kemm dik kumplessa kif ukoll dik speċjali) (ara l-paragrafu 49). Barra minn hekk, fl-istess ittra, il-Ġermanja qalet li, fil-każ tal-miżura BB 1, ma setax jinqabeż il-limitu ta' EUR 100 000 għal kull azjenda fuq perjodu ta' tliet snin (ara l-paragrafu 49). Għalhekk, il-miżura tikkonforma mar-rekwiżiti msemmijin fil-punti 14.2 u 14.3.

(215) B'hekk, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura BB 3

(216) L-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istati federali ta' Berlin u ta' Brandenburg imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Brandenburg-Berlin e. V." (fil-qosor "LVMB") u l-għaqda tal-bdiewa tal-istat federali ta' Brandenburg imsejħa "Landesbauernverband Brandenburg e.V." (fil-qosor "LBV") implimentaw miżuri għall-għoti ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ekonomiċi, kif ukoll għat-tixrid tal-informazzjoni u tal-għarfien il-ġdid li jkun inkiseb dwar kwistjonijiet li tiffaċċja l-industrija tal-ħalib. Barra minn hekk, ġew organizzati wkoll il-kompetizzjonijiet. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna teknika.

(217) L-ispejjeż issussidjati (għall-għoti ta' informazzjoni u għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet (ara l-paragrafu 50) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(218) L-għajnuna ma kinitx limitata għal gruppi partikulari. Għalhekk, ġie ssodisfat il-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(219) Fl-2006, l-LVMB użat EUR 463 li hija rċeviet mill-imposta fuq il-ħalib biex tippremja lill-impriżi tal-istat federali ta' Brandenburg li jkunu ddistingwew ruħhom mill-impriżi l-oħrajn (ara l-paragrafu 53). Barra minn hekk, fl-2006 l-LBV rċeviet għotja ta' EUR 20 000 mir-riżorsi tal-istat federali għall-għoti ta' pariri lill-produtturi tal-ħalib (ara l-paragrafu 54). Skont il-Ġermanja, fi snin oħrajn ta' qabel kien hemm l-istess proċedura (ara l-paragrafu 54). Għalhekk, il-Kummissjoni teskludi l-fatt li, fil-każ taż-żewġ miżuri msemmijin hawn fuq, fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006 nqabeż il-limitu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin. B'hekk, ġie ssodisfat il-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji.

(220) Għalhekk, il-miżura BB 3 tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura HE 2

(221) L-istat federali ta' Hessen ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib tal-istat federali ta' Hessen imsejħa "Landesvereinigung für Milch und Milcherzeugnisse Hessen e.V." (fil-qosor "LVMH") għall-miżura għat-taħriġ għall-produtturi mogħti mit-tim tal-innovazzjoni msejħa "Fortbildung für Erzeuger durch das Innovationsteam". Fil-kuntest ta' din il-miżura, l-LVMH ipprovdiet informazzjoni fil-forma ta' artikli speċjalizzati u organizzat taħriġ għall-bdiewa u għall-impjegati li jaħdmu fil-qasam tal-biedja. Dawn l-attivitajiet għandhom jitqiesu bħala għajnuna teknika.

(222) L-ispejjeż eliġibbli (ara l-paragrafu 57) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-punt 14.1 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(223) L-għajnuna ma kinitx limitata għal gruppi partikulari (ara l-paragrafu 57). Dan ikkonfermatu wkoll l-LVMH stess fil-kummenti tagħha tal-4 ta' Frar 2014, li fihom spjegat li kull bidwi u kull impjegat li jaħdem fil-qasam tal-biedja kellu l-possibbiltà jattendi għal dan it-taħriġ bl-istess kundizzjonijiet (ara l-paragrafu 149).Għalhekk, ġie ssodisfat il-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji.

(224) L-għotjiet kienu ta' inqas minn EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin (ara l-paragrafu 57). Għalhekk, ġie ssodisfat ukoll il-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji.

(225) B'hekk, il-miżura HE 2 tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura HE 3

(226) It-tim tal-LVMH responsabbli min-nutrizzjoni xerred l-għarfien xjentifiku f'forma li tiftiehem minn kulħadd, organizza avvenimenti ta' informazzjoni u wettaq kampanji u miżuri ta' relazzjonijiet pubbliċi (li ma kellhomx fil-mira xi impriżi partikulari) dwar il-produzzjoni tal-ħalib u dwar it-trattament u l-ipproċessar tiegħu u tal-prodotti tal-ħalib.

(227) Fil-kummenti tagħha tal-4 ta' Frar 2014, l-LVMH qalet li din il-miżura ffukat fuq l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi u l-edukazzjoni tagħhom u li din l-edukazzjoni twettqet b'mod newtrali li kien indipendenti mill-imħaleb. Madankollu, il-Kummissjoni xorta waħda hija tal-fehma li jenħtieġ li l-miżuri għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku u l-organizzazzjoni ta' kampanji jitqiesu bħala għajnuna teknika li minnha jibbenefika s-settur kollu tal-ħalib (ara wkoll il-paragrafu 173 b'rabta ma' dan).

(228) L-ispejjeż issussidjati (ara l-paragrafu 59) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(229) Il-miżura ma kinitx limitata għal grupp partikulari (ara l-paragrafu 61). B'hekk intlaħqu l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt 14.2.

(230) L-ammont tal-għotja kien inqas mil-limitu stabbilit fil-punt 14.3 (ara l-paragrafu 61).

(231) B'hekk, fil-każ tal-miżura HE 3, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura HE 9

(232) L-istat federali ta' Hessen ta appoġġ finanzjarju lil-LVMH għall-miżura għat-taħriġ tal-bdiewa żgħażagħ li jrabbu l-baqar tal-ħalib imsejħa "Fortbildung für junge Milchviehhalter" (ara l-paragrafu 62). Jenħtieġ li t-taħriġ tal-bdiewa żgħażagħ li jrabbu l-baqar tal-ħalib jitqies bħala għajnuna teknika.

(233) L-ispejjeż eliġibbli (ara l-paragrafu 62) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-punt 14.1.

(234) It-taħriġ kien miftuħ għall-produtturi kollha (ara l-paragrafu 64). Dan ikkonfermatu wkoll l-LVMH stess fil-kummenti tagħha tal-4 ta' Frar 2014, li fihom spjegat li kull bidwi u kull impjegat li jaħdem fil-qasam tal-biedja kellu l-possibbiltà jattendi għal dan it-taħriġ bl-istess kundizzjonijiet (ara l-paragrafu 149). Għalhekk il-miżura kienet konformi wkoll mar-rekwiżiti tal-punt 14.2.

(235) L-ammont kollu tal-għajnuna li ngħata fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006 fil-kuntest tal-miżura HE 9 kien ta' madwar EUR 35 000 (ara l-paragrafu 64). Għalhekk ma setax jinqabeż il-limitu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin (stabbilit fil-punt 14.3).

(236) B'hekk, fil-każ tal-miżura HE 9, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura NI 5

(237) L-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Niedersachsen e.V." (fil-qosor "LVMN") għall-parteċipazzjoni fil-fieri u fil-wirjiet u għat-tħejjija tal-għarfien xjentifiku f'forma li tiftiehem faċilment (ara l-paragrafu 65). Il-parteċipazzjoni fil-fieri u fil-wirjiet u t-tħejjija tal-għarfien xjentifiku għandhom jitqiesu bħala għajnuna teknika.

(238) L-ispejjeż tal-kiri tal-post fejn tkun se ssir il-wirja u tat-tagħmir tiegħu, kif ukoll l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fattwali jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont l-ewwel inċiż tal-punt 14.1.

(239) Skont l-awtoritjiet Ġermaniżi, fil-qalba ta' din il-miżura kien hemm is-sussidju li ngħata lil-LVMN għall-istand tal-fiera tagħha (ara l-paragrafu 66), li minnha bbenefikaw l-azjendi kollha tal-produzzjoni tal-ħalib tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel (li bejn l-2001 u l-2006 kienu madwar 17 500 bħala medja) (ara l-paragrafu 67). B'hekk il-miżura kienet miftuħa għall-azjendi kollha tal-produzzjoni tal-ħalib u ntlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punt 14.2.

(240) Fil-kummenti tagħha, il-Ġermanja ma kkonfermatx li l-miżura kienet limitata għal ammont massimu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li, fil-każ tal-finanzjament ta' stand tal-fiera għall-benefiċċju tal-azjendi kollha tal-produzzjoni tal-ħalib tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel, fi kwalunkwe każ, dan l-ammont massimu ma jistax jinqabeż. B'hekk ġew issodisfati wkoll ir-rekwiżiti tal-punt 14.3.

(241) B'hekk, il-miżura NI 5 tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura NI 6 (fil-każ tal-perjodu mill-2002 sal-2003)

(242) L-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju lill-impriżi tal-ipproċessar (lill-imħaleb) biex dawn jieħdu sehem fil-fieri. Il-finanzjament tal-parteċipazzjoni tal-impriżi fil-fieri għandu jitqies bħala għajnuna teknika.

(243) L-awtoritajiet Ġermaniżi żguraw li, fl-2001 (fil-perjodu rilevanti għall-proċedura ewlenija ta' eżami), ma kien hemm l-ebda obbligu legalment vinkolanti b'rabta mal-benefiċjarji tal-għajnuna ([68]). Huma qalu wkoll li, mis-26 ta' Novembru 2003 'l quddiem, din il-miżura kienet tissejjes fuq l-għajnuna mill-Istat approvata bin-numru ta' referenza 200/2003 (ara l-paragrafu (68)). B'hekk, il-valutazzjoni ta' din il-miżura se tkopri biss il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sas-26 ta' Novembru 2003.

(244) L-ispejjeż eliġibbli (ara l-paragrafu 68) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont ir-raba' inċiż tal-punt 14.1.

(245) L-awtoritajiet Ġermaniżi żguraw li l-miżura NI 6 kienet miftuħa għall-impriżi kollha li jaħdmu fis-settur tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-ħalib u li din l-għajnuna ngħatat skont kriterji oġġettivi. Barra minn hekk, il-miżura ma kinitx tiddependi fuq jekk impriża kinitx membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' xi organizzazzjoni agrikola oħra jew le (ara l-paragrafu 70). B'hekk intlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punt 14.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(246) Fil-perjodu rilevanti, l-intensità massima tal-għajnuna ta' din il-miżura kienet ta' 48 % (ara l-paragrafu 71). Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, impriża waħda biss irċeviet għajnuna li b'kollox kienet tammonta għal iktar minn EUR 100 000 (li kienet l-impriża "Nordmilch eG"). Skont l-istess awtoritajiet, l-impriża "Nordmilch eG" ma tidħolx fid-definizzjoni ta' SME. B'hekk ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14.3, ħlief fil-każ tal-għajnuna li ngħatat lill-impriża "Nordmilch eG".

(247) L-impriża "Nordmilch eG" kienet timpjega madwar 2 500 ruħ u kellha fatturat ta' madwar EUR 1,9 biljun u għalhekk kienet waħda mill-ikbar impriżi tal-industrija tal-ħalib fil-Ġermanja ([69]). B'dawn iċ-ċifri hija ma kinitx tidħol fid-definizzjoni tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju li tagħti l-Kummissjoni, li tissemma fil-punt 14.3 ([70]). B'hekk, skont il-punt 14.3 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006, hija kellha tirċievi għajnuna li b'kollox ma kinitx tammonta, bħala massimu, għal iktar minn EUR 100 000 fuq perjodu ta' tliet snin. L-għajnuna li ngħatat lill-impriża "Nordmilch eG" b'hekk ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 14.3 ([71]).

(248) B'hekk, fil-prinċipju, il-miżura NI 6 tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji.

(249) Fil-każ tal-għajnuna li ngħatat lill-impriża "Nordmilch eG" fil-perjodu mill-2002 sal-2003, il-miżura NI 6 ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji.

Il-miżura NI 7

(250) L-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju għall-miżuri ġenerali ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-ħalib bħala prodott tal-ikel li implimentat l-LVMN. Il-miżuri ġenerali ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-ħalib jikkostitwixxu għajnuna li minnha jibbenefika s-settur kollu tal-ħalib (ara l-paragrafu 173 b'rabta ma' dan). B'hekk japplikaw ir-regoli dwar l-għoti ta' għajnuna teknika skont il-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

([68]) Ara n-nota 24 f'qiegħ il-paġna ta' din id-Deċiżjoni.
([69]) Dawn iċ-ċifri huma tal-2009 u ttieħdu mis-sit tal-Internet li ġej: http://www.nordmilch.de/unternehmen/geschichte/. F'April tal-2011, il-kumpaniji "Nordmilch GmbH" u "Humana Milchindustrie GmbH" ingħaqdu flimkien u saru l-kumpanija "DMK Deutsches Milchkontor GmbH".
([70]) ĠU L 107, 30.4.1996, p. 4.
([71]) Fl-ittra tagħha tas-27 ta' Frar 2015, il-Ġermanja qalet li diġà qed tiġi analizzata l-possibbiltà li tiġi rkuprata din l-għajnuna (ara l-paragrafu 68).

(251) L-ispejjeż issussidjati (ara l-paragrafu 72) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(252) Il-miżura ma kinitx limitata għal grupp partikulari, iżda appoġġat lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali (ara l-paragrafu 75). Għalhekk il-miżura kienet konformi mar-rekwiżiti tal-punt 14.2.

(253) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, kull benefiċjarju rċieva EUR 395 bħala medja tul il-perjodu kollu fil-kuntest tal-miżura NI 7 (ara l-paragrafu 76). B'hekk, l-ammont tal-għotja kien ferm inqas mil-limitu speċifikat fil-punt 14.3.

(254) B'hekk, fil-każ tal-miżura NI 7, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżuri NW 4 u NW 5

(255) L-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft Nordrhein-Westfalen e.V." (fil-qosor "LVMNRW") u lill-għaqdiet agrikoli ta' Rheinland u Westfalen-Lippe msejħin "Landwirtschaftsverbände Rheinland und Westfalen-Lippe" għal avvenimenti ta' informazzjoni, għal azzjonijiet ta' edukazzjoni ġenerali tal-konsumaturi u għal azzjonijiet dwar l-użu tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u dwar il-karatteristiċi ġenerali tagħhom (is-sottomiżura NW 4). Barra minn hekk, l-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen ta wkoll appoġġ finanzjarju għal avvenimenti għall-iskambju tal-għarfien bejn il-produtturi tal-ħalib dwar kwistjonijiet marbutin mal-industrija tal-ħalib (is-sottomiżura NW 5).

(256) L-avvenimenti ta' informazzjoni u l-azzjonijiet ta' edukazzjoni ġenerali tal-konsumaturi (is-sottomiżura NW 4) u l-avvenimenti għall-iskambju tal-għarfien bejn il-produtturi (is-sottomiżura NW 5) jikkostitwixxu għajnuna li minnha jibbenefika s-settur kollu tal-ħalib (ara l-paragrafu 173 b'rabta ma' dan). Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn jitqiesu wkoll bħala miżuri selettivi minħabba li minnhom jibbenefika biss settur ekonomiku wieħed (jiġifieri l-industrija tal-ħalib) (ara l-paragrafu 175 b'rabta ma' dan). Dawn il-miżuri għandhom jitqiesu bħala għajnuna teknika.

(257) L-ispejjeż issussidjati għall-organizzazzjoni u t-twettiq tal-avvenimenti, għas-servizzi ta' konsulenza u għall-edukazzjoni u t-taħriġ dwar kwistjonijiet marbutin mal-industrija tal-ħalib (ara l-paragrafu 79) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(258) Il-miżuri kellhom fil-mira tagħhom lill-azjendi kollha li kienu jrabbu l-baqar tal-ħalib (ara l-paragrafu 81) u, għalhekk, intlaħqet il-kundizzjoni tal-punt 14.2.

(259) Meta wieħed iqis l-ispejjeż totali għaż-żewġ miżuri fil-perjodu ta' investigazzjoni u l-għadd medju ta' azjendi li kienu jrabbu l-baqar tal-ħalib fl-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen, l-ammont tal-għajnuna li ngħata b'kollox lil kull benefiċjarju kien ferm inqas mil-limitu stabbilit fil-punt 14.3 (ara l-paragrafu 81).

(260) B'hekk, fil-każ tal-miżuri NW 4 u NW 5, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura NW 6

(261) L-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen ta appoġġ finanzjarju lil-LVMNRW għall-ġbir, l-evalwazzjoni u l-pubblikazzjoni (fil-forma ta' avviżi u ta' rapporti dwar is-suq) tad-dejta rilevanti dwar is-suq tal-ħalib.

(262) Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fattwali u xjentifika fil-forma ta' avviżi u ta' rapporti dwar is-suq għandha titqies bħala għajnuna teknika u, għalhekk, japplika l-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(263) L-ispejjeż issussidjati (ara l-paragrafu 82) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(264) Il-pubblikazzjonijiet kienu jinsabu għad-dispożizzjoni ta' kulħadd mingħajr ħlas, u b'hekk ġie ssodisfat ukoll il-punt 14.2.

(265) Meta wieħed iqis l-ispejjeż totali għall-miżura NW 6 fil-perjodu ta' investigazzjoni u l-għadd medju ta' azjendi li kienu jrabbu l-baqar tal-ħalib fl-istat federali ta' Nordrhein-Westfalen, l-ammont tal-għajnuna li ngħata b'kollox lil kull benefiċjarju kien ferm inqas mil-limitu stabbilit fil-punt 14.3 (ara l-paragrafu 85).

(266) B'hekk, fil-każ tal-miżura NW 6, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżuri RP 1 u SL 2

(267) L-istati federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' Saarland taw appoġġ finanzjarju lill-grupp ta' ħidma tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Rheinland-Pfalz imsejjaħ "Milchwirtschaftliche Arbeitsgemeinschaft Rheinland-Pfalz e.V." (fil-qosor "MILAG") u lill-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Saarland imsejħa "Landesvereinigung der Milchwirtschaft des Saarlandes e.V." (fil-qosor "LVMS") rispettivament, għall-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi, fosthom it-tixrid tal-għarfien xjentifiku, u għall-għoti ta' informazzjoni ġenerali fattwali dwar il-prodotti, il-benefiċċji fiżjoloġiċi u nutrizzjonali tagħhom u l-użu ssuġġerit għalihom.

(268) Il-miżuri ġenerali ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-ħalib jikkostitwixxu għajnuna li minnha jibbenefika s-settur kollu tal-ħalib (ara l-paragrafu 173 b'rabta ma' dan). B'hekk japplikaw ir-regoli dwar l-għoti ta' għajnuna teknika skont il-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(269) L-ispejjeż eliġibbli skont dawn is-sottomiżuri (ara l-paragrafu (86)) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(270) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-miżuri ma kinux limitati għal grupp partikulari, iżda appoġġaw lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali (ara l-paragrafu (90)). Dan ikkonfermah ukoll il-MILAG stess fil-kummenti tiegħu tal-10 ta' Frar 2014 (ara l-paragrafu 153). B'hekk intlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punt 14.2.

(271) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li l-ammont kollu tal-għajnuna li ngħata fuq perjodu ta' tliet snin kien ferm inqas mil-limitu massimu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju (ara l-paragrafu 91) u kien jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 14.3.

(272) B'hekk, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżuri RP 5 u SL 5

(273) L-istati federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' Saarland taw appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni ta' kontroll tal-istat federali ta' Rheinland-Pfalz imsejħa "Landeskontrollverband Rheinland-Pfalz e.V." (fil-qosor "LKVRP") u lil-LVMS rispettivament, għas-servizzi ta' konsulenza teknika u għall-programmi tat-taħriġ għall-produtturi tal-ħalib biex jitjiebu l-iġjene waqt il-proċeduri tal-ħlib u l-kwalità tal-ħalib ikkonsenjat. Is-servizzi ta' konsulenza li kienu għadhom għaddejjin kienu eskluži mill-finanzjament (ara l-paragrafu 92). L-għoti ta' pariri lill-produtturi tal-ħalib u t-taħriġ tagħhom jiffurmaw parti mill-għoti ta' għajnuna teknika skont il-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(274) L-ispejjeż issussidjati (ara l-paragrafi 92 u 94) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

(275) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-produtturi kollha tal-ħalib fl-istati federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' Saarland setgħu jibbenefikaw minn din l-offerta ta' konsulenza u ta' taħriġ, u ma kienx hemm bżonn li wieħed ikun membru tal-LKVRP jew tal-LVMS rispettivament biex jibbenefika minnha (ara l-paragrafu 94). ([72]) B'hekk tħarsu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-punt 14.2.

(276) L-ammont medju tal-finanzjament kien ta' madwar EUR 197 ([73]) fis-sena fl-istat federali ta' Rheinland-Pfalz u ta' madwar EUR 130 fis-sena fl-istat federali ta' Saarland (ara l-paragrafu 98). B'hekk ma setax jinqabeż il-limitu massimu stabbilit fil-punt 14.3.

(277) B'hekk, fil-każ ta' din il-miżura, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżuri TH 3 u TH 4

(278) L-istat federali ta' Thüringen ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-ħalib tal-istat federali ta' Thüringen imsejħa "Landesvereinigung Thüringer Milch e.V." (fil-qosor "LVTM") għall-parteċipazzjoni tagħha fil-wirjiet kummerċjali u f'dawk għall-konsumaturi u għall-organizzazzjoni ta' konferenzi tekniċi biex jixtered l-għarfien xjentifiku (is-sottomiżura TH 3; ara l-paragrafu 100). Barra minn hekk, ġiet issussidjata l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fattwali dwar il-produtturi ta' dan ir-reġjun (is-sottomiżura TH 4; ara l-paragrafu 101). Il-parteċi-pazzjoni fil-wirjiet, l-organizzazzjoni ta' konferenzi tekniċi u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fattwali għandhom jitqiesu bħala għajnuna teknika skont il-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(279) L-ispejjeż issussidjati (ara l-paragrafi 100 u 101) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 14.1.

([72]) Fil-każ tal-miżura RP 5, dan ikkonfermah ukoll il-MILAG fil-kummenti tiegħu tal-10 ta' Frar (ara l-paragrafu 153).
([73]) Ara n-nota 79 f'qiegħ il-paġna.

(280) Skont il-Ġermanja, iż-żewġ sottomiżuri ma kinux limitati għal grupp partikulari, iżda appoġġaw lis-settur kollu tal-ħalib b'mod ġenerali (ara l-paragrafi 105 u 108). B'hekk tħarsu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-punt 14.2.

(281) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li l-ammonti tal-għajnuna li ngħataw b'kollox kienu inqas mil-limitu massimu msemmi fil-punt 14.3 (ara l-paragrafi 105 u 109).

(282) B'hekk, fil-każ ta' din il-miżura, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżuri TH 9 u TH 10

(283) L-istat federali ta' Thüringen ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-edukazzjoni reġjonali tal-istat federali ta' Thüringen imsejħa "Verein Landvolkbildung Thüringen" (fil-qosor "VLT") għat-taħriġ tal-impjegati li jaħdmu fl-imħaleb (is-sottomiżura TH 9). Barra minn hekk, l-istat federali ta' Thüringen ta wkoll appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni taż-żgħażagħ tal-istat federali ta' Thüringen, imsejħa "Thüringer Landjugendverband e.V." (fil-qosor "TLJV"), u lill-assoċjazzjoni ta' dawk li jaħilbu ta' dan l-istat federali, imsejħa "Thüringer Melkergemeinschaft e.V." (fil-qosor "TMG"), għall-finanzjament ta' kompetizzjonijiet professjonali (is-sottomiżura TH 10) (ara l-paragrafu 110).

(284) Il-Ġermanja għall-bidu qalet li dawn iż-żewġ sottomiżuri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat minħabba li l-pagamenti li saru lill-VLT (fil-każ tas-sottomiżura TH 9) u lit-TLJV u lit-TMG (fil-każ tas-sottomiżura TH 10) jenħtieġ li jitqiesu bħala forma ta' ħlas għas-servizzi li ngħata bħala kumpens għall-infiq ekwivalenti, u b'hekk ma sarux preferenzi (ara l-paragrafi 114 u 117). Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li, anke jekk il-fornitur tas-servizzi ma ngħatax preferenzi, mill-miżuri tat-taħriġ fl-imħaleb kif ukoll mill-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet professjonali bbenefikaw l-azjendi li jrabbu l-baqar tal-ħalib, u b'hekk dawn il-miżuri għandhom jitqiesu bħala għajnuna teknika skont il-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(285) L-ispejjeż issussidjati (ara l-paragrafi 111 u 112) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 14.1.

(286) Skont il-Ġermanja, il-persuni kollha kkonċernati li kienu jaħdmu fiż-żona kkonċernata setgħu jipparteċipaw fil-miżuri tat-taħriġ u fil-kompetizzjonijiet professjonali abbażi ta' kriterji ddefiniti b'mod oġġettiv (ara l-paragrafi 115 u 118). B'hekk ġew issodisfati wkoll ir-rekwiżiti tal-punt 14.2.

(287) Il-Ġermanja qalet li l-ammont tal-għajnuna li ngħata b'kollox fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ sottomiżuri ma qabiżx l-ammont ta' EUR 100 000 fuq perjodu ta' tliet snin (ara l-paragrafu 118). B'hekk, fi kwalunkwe każ, ma setax jinqabeż il-limitu massimu msemmi fil-punt 14.3.

(288) B'hekk, fil-każ ta' din il-miżura, ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 14 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(289) Il-Kummissjoni kkonkludiet li, minbarra l-għajnuna li ngħatat lill-impriża "Nordmilch eG" fil-kuntest tal-miżura NI 6 (ara l-paragrafu 290), il-miżuri BY 3, BY 10, BW 4, BB 1, BB 3, HE 2, HE 3, HE 9, NI 5, NI 6, NI 7, NW 4, NW 5, NW 6, RP 1, RP 5, SL 2, SL 5, TH 3, TH 4, TH 9 u TH 10 kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 u, b'hekk, kienu kompatibbli mas-suq intern fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006.

(290) Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li, fil-każ tal-għajnuna li ngħatat lill-impriża "Nordmilch eG" fil-perjodu mill-2002 sal-2003, il-miżura NI 6 ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 u, b'hekk, ma kinitx kompatibbli mas-suq intern fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006.

6.3.2. *L-għoti ta' għajnuna teknika fis-settur agrikolu fil-perjodu mill-2007 'l quddiem*

(291) Għall-perjodu mill-2007 'l quddiem inbidlu r-regoli dwar il-kompatibbiltà tal-għoti ta' għajnuna teknika mas-suq intern.

(292) L-għoti ta' għajnuna teknika huwa rregolat mill-Kapitolu IV.K. tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013.

(293) Skont il-paragrafu 105 tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, il-Kummissjoni tista' tiddikjara li għajnuna mill-Istat għall-għoti ta' għajnuna teknika lil impriżi li jkunu jaħdmu fl-oqsma tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli tkun kompatibbli mal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat ([74]) meta din tkun tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001. Skont il-paragrafu 106 tal-istess Linji gwida, ma tiġi approvata l-ebda għajnuna mill-Istat għall-impriżi l-kbar f'dan il-każ.

(294) Skont l-Artikolu 5(b) tar-Regolament (KE) Nru 70/2001, għall-parteċipazzjoni f'fieri u f'wirjiet, l-għajnuna sħiħa ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż addizzjonali li jkunu ntefqu għall-kiri, l-armar u t-tmexxija tal-istand. Din l-eżenzjoni tgħodd biss għall-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari.

(295) Fid-29 ta' Awwissu 2008, ir-Regolament (KE) Nru 70/2001 inbidel bir-Regolament (KE) Nru 800/2008 ([75]). Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008, l-għajnuna lill-SMEs għall-parteċipazzjoni f'fieri tkun kompatibbli mas-suq komuni meta l-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli u meta l-ispejjeż eliġibbli jkunu biss l-ispejjeż involuti biex tinkera, titwaqqaf u titħaddem l-istand għall-ewwel partiċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari.

(296) Skont il-paragrafu 106 tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, ma tiġi approvata l-ebda għajnuna mill-Istat għall-impriżi l-kbar fil-każ tal-għajnuna teknika.

(297) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' miżura partikulari mas-suq intern fil-perjodu rilevanti (li kienet il-miżura RP 2) ([76]).

Il-miżura RP 2

(298) L-istat federali ta' Rheinland-Pfalz ta appoġġ finanzjarju lill-impriżi tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti għall-iskambju tal-għarfien bejn l-impriżi, fil-kompetizzjonijiet, fil-wirjiet u fil-fieri fil-kuntest tal-miżura RP 2. L-ispejjeż eliġibbli kienu dawk biex tintrama stand tal-fiera (ara l-paragrafu 125). Dan il-finanzjament ma kienx limitat biss għall-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari. L-għajnuna kienet limitata għal intensità ta' 10 % tal-ispejjeż ippruvati, iżda ma setgħetx taqbeż l-ammont massimu ta' EUR 5 200 għal kull impriża u għal kull avveniment (ara l-paragrafu 119).

(299) L-intensità tal-għajnuna ta' 10 % fil-kuntest tal-miżura RP 2 hija inqas mill-intensità massima tal-għajnuna ta' 50 % prevista fl-Artikolu 5(b) tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 u fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008.

(300) L-ispejjeż issussidjati (jiġifieri l-ispejjeż biex tintrama stand tal-fiera) jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont l-Artikolu 5(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 u l-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008, li jistipulaw li l-ispejjeż eliġibbli huma dawk biex tinkera, titwaqqaf u titħaddem stand (ara l-paragrafi 294 u 295 b'rabta ma' dan). Madankollu, skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'wirja partikulari biss hija eliġibbli għall-għajnuna.

(301) Mal-kummenti tagħha tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja bagħtet tabella bl-għadd ta' impriżi li ngħataw l-għajnuna għall-parteċipazzjoni ripetuta f'fiera jew f'wirja partikulari fil-perjodu mill-2003 sal-2012 u bl-ammonti rispettivi li dawn ingħataw (ara l-paragrafu 123). Minn dan ħareġ li, fil-perjodu mill-2007 sal-2012, bħala medja kull sena ngħataw ammonti ta' bejn EUR 294 u EUR 5 113 għal kull impriża li ngħatat l-għajnuna għall-parteċipazzjoni ripetuta f'fiera jew f'wirja partikulari.

(302) Barra minn hekk, fil-kummenti tagħha tat-13 ta' Jannar 2017, il-Ġermanja qalet ukoll li, fil-kuntest ta' din is-sottomiżura, kienu ngħataw l-għajnuna wkoll l-impriża msejħa "Hochwald Foods GmbH" u dik imsejħa "MUH Arla eG" (ara l-paragrafu 124).

(303) L-impriża msejħa "MUH Arla eG" inħolqot fl-2012 meta l-għaqda tal-ħalib tar-reġjun ta' Hocheifel, imsejħa "Milch-Union Hocheifel" (fil-qosor "MUH"), ingħaqdet mal-konglomerat Skandinavu tal-imħaleb imsejjaħ "Arla Foods". Fl-2011, l-MUH kienet timpjega madwar 800 ruħ u kellha fatturat ta' madwar EUR 693 miljun ([77]).

(304) Il-grupp "Hochwald" jimpjega iktar minn 1 900 ruħ u fl-2015 kellu fatturat ta' madwar EUR 1,44 biljun ([78]).

([74]) Li issa huwa l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.
([75]) Fl-1 ta' Lulju 2014, ir-Regolament (KE) Nru 800/2008 tħassar bir-Regolament (UE) Nru 651/2014.
([76]) Fil-paragrafu 244 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.
([77]) *Sors:* http://www.arlafoods.de/ubersicht/presse/2012/pressrelease/eu-genehmigt-fusion-der-milch-union-hocheifel-und-arla-836614/.
([78]) *Sors:* https://www.hochwald.de/en/company/facts-figures.html.

(305) B'dawn iċ-ċifri, la l-impriża "MUH Arla eG" u lanqas l-impriża "Hochwald Foods GmbH" ma kienu jidħlu fid-definizzjoni tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs) li tissemma fil-paragrafu 9 tal-Kapitolu II tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013 ([79]). B'hekk, skont il-punt 106 tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, dawn ma kellhom jirċievu l-ebda għajnuna (ara l-paragrafu 296 b'rabta ma' dan).

(306) B'hekk, il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu IV.K. tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, flimkien mal-Artikolu 5(b) tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 u mal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 rispettivament, intlaħqu biss fil-każijiet li fihom l-impriżi tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni li jidħlu fid-definizzjoni ta' SME ngħataw l-għajnuna għall-ewwel parteċipazzjoni tagħhom f'fiera jew f'wirja partikulari fil-kuntest tal-miżura RP 2.

(307) Il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu IV.K. tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, flimkien mal-Artikolu 5(b) tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 u mal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 rispettivament, ma ntlaħqux fil-każ ta' kull għajnuna li ngħatat lil impriżi li ma jidħlux fid-definizzjoni ta' SME fil-kuntest tal-miżura RP 2 u, b'mod speċjali, fil-każ tal-għajnuna li ngħatat f'dan il-kuntest lill-impriża "MUH Arla eG" u lill-impriża "Hochwald Foods GmbH" (ara l-paragrafu 305).

(308) Il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu IV.K. tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013, flimkien mal-Artikolu 5(b) tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 u mal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 rispettivament, ma ntlaħqux ukoll fil-każ ta' kull għajnuna li ngħatat lill-impriżi fil-kuntest tal-miżura RP 2 b'rabta mal-parteċipazzjoni ripetuta tagħhom f'fiera jew f'wirja partikulari (ara l-paragrafu (301)).

(309) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna li ngħatat fil-kuntest tal-miżura RP 2 kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013 u, b'hekk, kienet kompatibbli mas-suq intern fil-perjodu mill-2007 'l quddiem fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 306 biss.

(310) Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 307 u 308, l-għajnuna li ngħatat fil-kuntest tal-miżura RP 2 ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013 u, b'hekk, ma kinitx kompatibbli mas-suq intern fil-perjodu mill-2007 'l quddiem.

6.3.3. *Għajnuna għal prodotti ta' kwalità fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006*

(311) Il-miżuri li ġew implimentati bejn l-2001 u l-2006 biex jiġu appoġġati l-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità għolja jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 13 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(312) Il-punt 13.2 fih lista mhix eżawrjenti tal-attivitajiet eliġibbli f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni tapprova għajnuna għal servizzi ta' konsulenza u servizzi simili ta' appoġġ, fosthom studji tekniċi, studji dwar il-fattibbiltà u dwar il-kunċetti u riċerka tas-suq, li tingħata għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp ta' prodotti agrikoli ta' kwalità għolja, bħal, pereżempju, għajnuna għall-affarijiet li ġejjin, fost l-oħrajn:

— l-introduzzjoni ta' sistemi ta' garanzija tal-kwalità bħas-serje tal-ISO 9000 u 14000 jew ta' proċeduri bbażati fuq analiżi tal-perikli u tal-punti kritiċi ta' kontroll (HACCP), jew għall-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali;

— l-ispejjeż għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal sabiex jibdew jintużaw sistemi ta' garanzija tal-kwalità u proċeduri bbażati fuq l-HACCP.

L-għajnuna tista' tingħata wkoll biex tkopri l-ispejjeż li jkollhom jitħallsu lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni rrikonoxxuti għall-ewwel ċertifikazzjoni fil-kuntest tas-sistemi ta' garanzija tal-kwalità u ta' sistemi simili.

(313) Il-punti 3, 4 u 5 tal-punt 13 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 jipprevedu kundizzjonijiet u restrizzjonijiet partikulari. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li ma tingħata l-ebda għajnuna għall-kontrolli tal-kwalità u tal-prodotti li l-manifatturi jagħmlu b'mod regolari waqt il-proċess tal-produzzjoni, irrispettivament minn jekk dawn isirux b'mod volontarju jew jekk dawn isirux b'mod obbligatorju bħala parti minn proċedura bbażata fuq l-HACCP jew bħala parti minn proċedura simili. Jenħtieġ li l-għajnuna għall-kontrolli tingħata biss għall-kontrolli li jsiru minn partijiet terzi jew f'isimhom, bħal dawk li jsiru mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti jew mill-korpi maħturin minnhom, jew minn entitajiet indipendenti li jkunu responsabbli għall-kontroll u għas-sorveljanza tal-użu tad-denominazzjonijiet tal-oriġini, tat-tikketti tal-prodotti ekoloġiċi u tat-tikketti tal-kwalità.

(314) L-għajnuna li tista' tingħata b'kollox lill-SMEs fil-kuntest ta' din it-Taqsima ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli jew l-ammont ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin, skont liema minnhom ikun l-ikbar (skont il-punt 13.2).

([79]) B'rabta ma' dan, il-paragrafu 9 tal-Linji gwida għall-2007 sal-2013 jirreferi għall-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001, li, fid-29 ta' Awwissu 2008, inbidel bl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008.

(315) L-istati federali ta' Baden-Württemberg, is-Sassonja t'Isfel u Thüringen taw appoġġ finanzjarju (permezz tas-sottomiżuri BW 10, BW 11, NI 1 u TH 5) biex titjieb il-kwalità tal-ħalib ikkonsenjat permezz tal-għoti ta' pariri u ta' taħriġ lill-produtturi tal-ħalib, tal-kompilazzjoni u tal-aġġornament ta' bażijiet tad-dejta u ta' kontrolli tal-produtturi tal-ħalib b'rabta mal-introduzzjoni tas-sistemi ta' garanzija tal-kwalità msejħin "Qualitätsmanagement Milch (QM-Milch)" ("il-ġestjoni tal-kwalità tal-ħalib") (ara l-paragrafu 126).

(316) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, l-għajnuna ngħatat b'intensità massima ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli (ara l-paragrafu 129).

(317) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tas-sottomiżuri msemmijin hawn fuq mas-suq intern fil-perjodu rilevanti ([80]).

Il-miżuri BW 10 u BW 11

(318) Iż-żewġ sottomiżuri implimentawhom l-assoċjazzjoni għall-ittestjar tal-ħalib tal-istat federali ta' Baden-Württemberg imsejħa "Milchprüfring Baden-Württemberg" (fil-każ tal-miżura BW 10) u l-assoċjazzjoni tal-industrija tal-ħalib tal-istat federali ta' Baden-Württemberg imsejħa "Milchwirtschaftlicher Verein Baden-Württemberg" (fil-każ tal-miżura BW 11), favur l-azjendi agrikoli tal-produzzjoni tal-ħalib li ħadu sehem fis-sistema ta' garanzija tal-kwalità msejħa "QM-Milch" (ara l-paragrafi 131 u 132).

(319) Ġew issussidjati t-twettiq tal-awditi fl-azjendi tal-produzzjoni tal-ħalib u l-ispejjeż tal-ewwel ċertifikazzjoni minnaħa ta' korp taċ-ċertifikazzjoni rrikonoxxut (fil-każ tal-miżura BW 10) u l-kompiti tal-għoti ta' pariri b'rabta mal-introduzzjoni tas-sistema ta' garanzija tal-kwalità (fil-każ tal-miżura BW 11) (ara l-paragrafi 133 u 134). B'hekk, l-ispejjeż issussidjati jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 13.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(320) Ma ġewx issussidjati l-kontrolli tal-kwalità u tal-prodotti li l-manifatturi jagħmlu b'mod regolari waqt il-proċess tal-produzzjoni, li huma esklużi mill-finanzjament skont il-punt 13.3.

(321) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, bħala medja ntefqu EUR 106 għal kull benefiċjarju (ara l-paragrafu 135) u dan kien ferm inqas mill-ammont massimu ta' EUR 100 000 permess għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin skont il-punt 13.2.

(322) B'hekk, fil-każ tas-sottomiżuri BW 10 u BW 11, intlaħqu l-kundizzjonijiet tal-punt 13 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura NI 1

(323) L-istat federali tas-Sassonja t'Isfel ta appoġġ finanzjarju lil-LVMN għall-introduzzjoni ta' sistema ta' garanzija tal-kwalità għall-produtturi tal-ħalib (is-sistema msejħa "QM-Milch"). Għalhekk, japplika l-punt 13 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(324) B'rabta ma' dan, ġew issussidjati l-miżuri ta' tħejjija għall-introduzzjoni tas-sistema msejħa "QM-Milch" (is-servizzi ta' konsulenza), kif ukoll l-ispejjeż għall-koordinazzjoni tas-sistema msejħa "QM-Milch" u dawk għall-ħolqien ta' bażi tad-dejta (ara l-paragrafu 137). B'hekk, l-ispejjeż issussidjati jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 13.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(325) Is-sussidji li ngħataw, li kienu ta' EUR 12,78 għal kull każ għas-servizzi ta' konsulenza u ta' EUR 35 għal kull bidwi fuq perjodu ta' tliet snin għall-awditi tal-irziezet (ara l-paragrafu 138), kienu ferm inqas mil-limitu massimu stabbilit fil-punt 13.2 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(326) Il-Ġermanja kkonfermat li l-kontrolli li saru fil-kuntest tal-awditi tal-irziezet twettqu minn partijiet terzi jew f'isimhom u li l-assoċjazzjoni ta' kontroll tal-istat federali tas-Sassonja t'Isfel imsejħa "Landeskontrollverband Niedersachsen" serviet bħala l-istituzzjoni indipendenti ta' kontroll f'dan il-kuntest (ara l-paragrafu 139). Dan jikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 13.3.

(327) B'hekk, din il-miżura tissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 13 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

Il-miżura TH 5

(328) L-istat federali ta' Thüringen ta appoġġ finanzjarju lill-assoċjazzjoni tal-istat federali ta' Thüringen responsabbli mill-ispezzjonijiet tal-kwalità u tal-produzzjoni fil-qasam tat-trobbija tal-annimali msejħa "Thüringer Verband für Leistungs- und Qualitätsprüfungen in der Tierzucht" (fil-qosor "TVLEV") għall-introduzzjoni ta' sistema ta' garanzija tal-kwalità għall-produtturi tal-ħalib (ara l-paragrafu 140). Għalhekk, japplika l-punt 13 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

([80]) Fil-paragrafu 253 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

(329) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-miżura ġiet introdotta fl-2004 (ara l-paragrafu 140).

(330) Skont il-Ġermanja, bejn l-2004 u l-2006, il-produtturi bbenefikaw mill-miżura biss għall-ewwel ċertifikazzjoni. B'rabta ma' dan, bħala medja kull produttur ingħata sussidju ta' madwar EUR 83 (ara l-paragrafu 141).

(331) L-ispejjeż issussidjati jikkorrispondu għall-ispejjeż eliġibbli skont il-punt 13.2 u l-ammont tal-għajnuna li ngħata b'kollox kien ferm inqas mil-limitu massimu stabbilit f'dak l-istess punt.

(332) B'hekk, il-miżura TH 5 tissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 13 tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006.

(333) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna li ngħatat fil-kuntest tal-miżuri BW 10, BW 11, NI 1 u TH 5 kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji gwida Komunitarji għall-2000 sal-2006 u, b'hekk, kienet kompatibbli mas-suq intern fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2006.

6.4. **Irkupru**

(334) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, is-setgħat tal-Kummissjoni biex tirkupra l-għajnuna huma suġġetti għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. Skont l-Artikolu 17(2) tal-istess Regolament, kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna kontra l-liġi tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni.

(335) Wara li l-Ġermanja bagħtet ir-rapport annwali tal-2010 tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu, il-Kummissjoni talbitha tibagħtilha iktar informazzjoni dwar l-iskema permezz ta' ittra tat-28 ta' Novembru 2011. Din l-azzjoni tal-Kummissjoni interrompiet il-perjodu ta' preskrizzjoni. Għalhekk, f'konformità mal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin imsemmi fil-paragrafu 334, din id-Deċiżjoni għandha x'taqsam mal-perjodu mit-28 ta' Novembru 2001 'il quddiem.

(336) Il-Kummissjoni sabet li l-għajnuna li ngħatat lill-impriża "Nordmilch eG" fil-perjodu mill-2002 sal-2003 fil-kuntest tal-miżura NI 6 (ara l-paragrafu 289) ma kinitx kompatibbli mas-suq intern. Din l-għajnuna trid tiġi rkuprata.

(337) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet ukoll li l-għajnuna li ngħatat lil impriżi li ma jidħlux fid-definizzjoni ta' SME fil-kuntest tal-miżura RP 2 u, b'mod speċjali, dik li ngħatat f'dan il-kuntest lill-impriża "MUH Arla eG" u lill-impriża "Hochwald Foods GmbH" (ara l-paragrafu 307), kif ukoll kull għajnuna li ngħatat lill-impriżi b'rabta mal-parteċipazzjoni ripetuta tagħhom f'fiera jew f'wirja partikulari (ara l-paragrafu 308), ma kinitx kompatibbli mas-suq intern. Din l-għajnuna trid tiġi rkuprata.

(338) Abbażi tal-effett ta' sospensjoni tal-proċedura ewlenija ta' eżami skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni qed teżamina l-miżura RP 2 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sas-17 ta' Lulju 2013, li hija l-ġurnata meta l-Kummissjoni avżat lill-Ġermanja bid-Deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE.

7. **KONKLUŻJONI**

(339) Il-Kummissjoni sabet li l-Ġermanja tat din l-għajnuna bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Ħlief fil-każijiet tal-għajnuna msemmijin fil-premessa li ġejja, din l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern (ara l-paragrafi 289, 309 u 333 b'rabta ma' dan).

(340) Il-Kummissjoni sabet li l-għajnuna li ngħatat lill-impriża "Nordmilch eG" fil-kuntest tal-miżura NI 6 u dik li ngħatat lill-impriża "MUH Arla eG" u lill-impriża "Hochwald Foods GmbH" fil-kuntest tal-miżura RP 2, kif ukoll kull għajnuna li ngħatat lill-impriżi fil-kuntest tal-miżura RP 2 b'rabta mal-parteċipazzjoni ripetuta tagħhom f'fiera jew f'wirja partikulari mhijiex kompatibbli mas-suq intern (ara l-paragrafi 290 u 310). Din l-għajnuna trid tiġi rkuprata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna li l-Ġermanja tat bejn it-28 ta' Novembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2006 (fil-kuntest tal-miżuri BY 3, BY 10, BW 4, BB 1, BB 3, HE 2, HE 3, HE 9, NI 5, NI 6, NI 7, NW 4, NW 5, NW 6, RP 1, RP 5, SL 2, SL 5, TH 3, TH 4, TH 9, TH 10, BW 10, BW 11, NI 1 u TH 5) u dik li tat bejn l-1 ta' Jannar 2007 u s-17 ta' Lulju 2013 (fil-kuntest tal-miżura RP 2) bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, hija kompatibbli mas-suq intern, ħlief fil-każijiet tal-għajnuna msemmijin fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

L-għajnuna li l-Ġermanja tat fl-2002 u fl-2003 lill-impriża "Nordmilch eG" fil-kuntest tal-miżura NI 6 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

L-għajnuna li l-Ġermanja tat bejn l-1 ta' Jannar 2007 u s-17 ta' Lulju 2013 lil impriżi li ma jidħlux fid-definizzjoni ta' SME fil-kuntest tal-miżura RP 2 u, b'mod speċjali, dik li tat f'dan il-kuntest lill-impriża "MUH Arla eG" u lill-impriża "Hochwald Foods GmbH" bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

L-għajnuna li l-Ġermanja tat bejn l-1 ta' Jannar 2007 u s-17 ta' Lulju 2013 lill-impriżi fil-kuntest tal-miżura RP 2 b'rabta mal-parteċipazzjoni ripetuta tagħhom f'fiera jew f'wirja partikulari bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 3

L-għajnuna individwali li ngħatat skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 2 ma tikkostitwix għajnuna jekk, fil-punt meta ngħatat, hija kienet tissodisfa r-rekwiżiti previsti f'regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 ([81]) u li kien japplika fil-punt meta ngħatat.

Artikolu 4

L-għajnuna individwali li ngħatat skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 2 u li, fil-punt meta ngħatat, kienet tissodisfa r-rekwiżiti previsti f'regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 jew fi skema tal-għajnuna approvata oħra, hija kompatibbli mas-suq intern sal-intensitajiet massimi tal-għajnuna li japplikaw għal din it-tip ta' għajnuna.

Artikolu 5

(1) Il-Ġermanja għandha tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna li ngħatat skont l-iskemi tal-għajnuna msemmijin fl-Artikolu 2 u li mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

(2) L-ammont li għandu jiġi rkuprat għandu jinkludi l-imgħax ikkalkulat mid-data li fiha l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data meta din titħallas lura fir-realtà.

(3) L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 ([82]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

(4) Il-Ġermanja għandha twaqqaf il-pagamenti kollha pendenti skont l-iskemi tal-għajnuna msemmijin fl-Artikolu 2 mid-data li fiha tiġi adottata din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

(1) L-għajnuna li ngħatat skont l-iskemi msemmijin fl-Artikolu 2 għandha tiġi rkuprata b'mod immedjat u effettiv.

(2) Il-Ġermanja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur minn meta tiġi ppubblikata.

Artikolu 7

(1) Fi żmien xahrejn minn meta din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata, il-Ġermanja għandha tibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista tal-benefiċjarji li rċevew l-għajnuna skont l-iskemi msemmijin fl-Artikolu 2, kif ukoll l-ammont tal-għajnuna li kull wieħed minnhom irċieva b'kollox skont dawk l-iskemi;

(b) l-ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju b'kollox (jiġifieri l-kapital u l-imgħax);

([81]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1).

([82]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

(c) deskrizzjoni ddettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu jew li beħsiebhom jittieħdu sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(d) dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

(2) Il-Ġermanja għandha tavża lill-Kummissjoni bil-progress li tkun qed tagħmel b'rabta mal-miżuri li tkun qed tieħu biex timplimenta din id-Deċiżjoni, sa ma tkun ġiet irkuprata l-għajnuna kollha li ngħatat skont l-iskemi msemmijin fl-Artikolu 2. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Ġermanja għandha tibagħtilha minnufih informazzjoni dwar il-miżuri li tkun diġà ħadet jew li jkun beħsiebha tieħu sabiex tkun konformi ma' din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, il-Ġermanja għandha tibagħtilha wkoll informazzjoni ddettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-imgħax li l-benefiċjarji jkunu diġà ħallsu lura.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Il-Ġermanja qed tintalab tibgħat kopja ta' din id-Deċiżjoni lill-benefiċjarji minnufih.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni